Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 865/2006**

tal-4 ta' Mejju 2006

li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom

(ĠU L 326, 10.12.2010, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 100/2008 ta' l-4 ta' Frar 2008	L 31	3	5.2.2008
►M2	Regolament tal-kummissjoni (UE) Nru 791/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012	L 242	1	7.9.2012
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012	L 242	13	7.9.2012
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1283/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013	L 332	14	11.12.2013
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/56 tal-15 ta' Jannar 2015	L 10	1	16.1.2015
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/870 tal-5 ta' Ġunju 2015	L 142	3	6.6.2015

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 865/2006

tal-4 ta' Mejju 2006

li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

▼M2

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċijiet ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat l-kummerċ fihom [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 19(2), (3) u (4) tiegħu,

▼B

Billi:

(1) Hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KE) Nru 338/97 u sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċi ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni".

(2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 338/97, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet u kriterji dettaljati għall-kunsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet għal permessi u ċertifikati u għall-ħruġ, il-validità u l-użu ta' dawn id-dokumenti. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti mudelli li magħhom għandhom jikkorrespondu dawk id-dokumenti.

(3) Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati relatati mal-kundizzjonijiet u l-kriterji għat-trattament ta' kampjuni ta' speċi tal-annimali li huma mwielda u mrobbija fil-magħluq u ta' kampjuni ta' speċi ta' pjanti mnisslin b'mod artifiċjali sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni komuni tad-derogi applikabbli għal dawn il-kampjuni.

(4) Id-derogi għal kampjuni li huma effetti personali u domestiċi kif previst fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jirrikjedu li għandhom jiġu speċifikati dispożizzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu VII tal-Konvenzjoni.

(5) Sabiex jiġi żgurat li d-derogi ġenerali mill-projbizzjonijiet tal-kummerċ intern inklużi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jiġu applikati b'mod uniformi, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet u kriterji fir-rigward tad-definizzjoni tagħhom.

(6) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-immarkar ta' ċerti kampjuni ta' speċi sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tagħhom u jiġi żgurat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(7) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet rigward il-kontenut, il-forma u l-preżentazzjoni tar-rapporti perjodiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 338/97.

(8) Sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati l-emendi futuri għall-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 338/97, l-informazzjoni rilevanti kollha għandha tkun disponibbli, b'mod partikolari dik dwar l-istatus bijoloġiku u kummerċjali tal-ispeċi, l-użu tagħhom u l-metodi li jintużaw biex jiġi kkontrollat il-kummerċ.

[1] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

▼B

(9) Waqt it-12-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret f'Santiago (iċ-Ċili) mit-3 sal-15 ta' Novembru 2002, ġew adottati għadd ta' Riżoluzzjonijiet dwar; *inter alia*; proċeduri ssimplifikati għall-ħruġ ta' permessi u ċertifikati, ċertifikat speċjali biex jiġi ffaċilitat il-moviment ta' ċerti kategoriji ta' kampjuni li huma parti minn wirja li tivvjaġġa, derogi addizzjonali rigward effetti personali, rekwiżiti aġġornati rigward l-ittikkettjar tal-konteniturі tal-kavjar, u miżuri oħrajn ta' rutina u ta' natura teknika, inkluż l-alterazzjoni tal-kodiċijiet użati fil-permessi u ċ-ċertifikati u emendi għal-lista ta' referenzi standard li jintużaw biex jiġu stabbiliti l-ismijiet tal-ispeċi elenkati fl-Appendiċi għall-Konvenzjoni, u għalhekk huwa meħtieġ li dawk ir-Riżoluzzjonijiet jiġu kkunsidrati.

(10) Fid-dawl tal-piż amministrattiv involut bir-regolament tal-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' annimali ħajjin imwielda u mrobbija fil-magħluq u annimali ta' proprjetà personali introdotti fil-Komunità qabel bdew japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 338/97, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/82 tat-3 ta' Diċembru 1982 dwar l-implimentazzjoni fil-Komunità tal-Konvenzjoni dwar il-kummerċ internazzjonali fi speċi ta' fawna u flora selvaġġi fil-periklu ([1]) jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-Konvenzjoni, u tal-fatt li dawn l-esportazzjonijiet u importazzjonijiet ma joħolqu ebda ostakolu għall-protezzjoni ta' speċi ta' fawna fis-selvaġġ, għandu jinħoloq ċertifikat speċjali għal dawk l-għanijiet.

(11) Għalhekk, huwa meħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1808/2001 tat-30 ta' Awwissu 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora salvaġġi billi jiġi regolat il-kummerċ fihom ([2]) jiġi emendat b'mod sostanzjali. Fid-dawl tal-ambitu ta' dawk l-emendi u fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament għandu jinbidel kollu kemm hu.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-Fawna u l-Flora Selvaġġi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M6

(1) "data tal-akkwist" tfisser id-data meta l-kampjun ikun ittieħed minn ambjent selvaġġ, twieled fil-magħluq jew tnissel artifiċjalment, jew, jekk din id-data ma tkunx magħrufa, l-aktar data bikrija li tista' tiġi ppruvata, li fiha il-kampjun kien għall-ewwel darba fil-pussess ta' xi persuna;

([1]) ĠU L 384, 31.12.1982, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2727/95 (ĠU L 284, 28.11.1995, p. 3).
([2]) ĠU L 250, 19.9.2001, p. 1.

▼B

(2) “nisel tat-tieni ġenerazzjoni (F2)” u “nisel ta’ ġenerazzjoni sussegwenti (F3, F4, eċċ.)” għandha tfisser kampjuni prodotti f’ambjent ikkontrollat minn ġenituri li kienu wkoll prodotti f’ambjent ikkontrollat, bħala distinti minn kampjuni prodotti f’ambjent ikkontrollat minn ġenituri li għallinqas wieħed minnhom kien konċeput jew ittieħed mill-ambjent selvaġġ (nisel tal-ewwel ġenerazzjoni (F1));

(3) “ħażna għat-trobbija” tfisser l-annimali kollha f’operazzjoni ta’ trobbija li jintużaw għar-riproduzzjoni;

(4) “ambjent ikkontrollat” tfisser ambjent li huwa manipulat għall-għanijiet ta’ produzzjoni ta’ annimali ta’ speċi partikolari, li jkollu limiti mfassla sabiex l-annimali, il-bajd jew il-gameti tal-ispeċi ma jitħallewx jidħlu jew joħorġu mill-ambjent ikkontrollat, u li l-karatteristiċi ġenerali tagħhom jistgħu jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal akkomodazzjoni artifiċjali, tneħħija ta’ skart, kura tas-saħħa, protezzjoni minn predaturi u l-provvista artifiċjali ta’ għalf;

▼M2

(4a) “ħażna kkultivata ta’ ġenituri” tfisser l-insjem tal-pjanti kkoltivati taħt kundizzjonijiet ikkontrollati li jintużaw għar-riproduzzjoni, u li kellhom jiġu, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità amministrattiva kompetenti, f’konsultazzjoni ma’ awtorità xjentifika kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat:

(i) stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet taċ-CITES u liġijiet nazzjonali rilevanti u b’mod li ma jkunx ta’ detriment għas-soppravivenza tal-ispeċijiet fil-ħajja selvaġġa; kif ukoll

(ii) miżmuma fi kwantitajiet suffiċjenti għall-propagazzjoni sabiex jiġi mminimizzat jew eliminat il-bżonn tat-tkattir mis-selvaġġ, b’tkattir bħal dan li jseħħ biss bħala eċċezzjoni u limitat għall-ammont meħtieġ biex tinżamm is-saħħa u l-produttività tal-ħażna kkultivata ta’ ġenituri;

(4b) “trofew tal-kaċċa” tfisser annimal sħiħ, jew parti jew derivat ta’ annimal li jingħarfu faċilment, speċifikati fuq kwalunkwe permess jew ċertifikat ta’ akkumpanjament taċ-CITES li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikunu nejjin, ipproċessati jew manifatturati;

(ii) ikunu nkisbu legalment mill-kaċċatur permezz ta’ kaċċa għall-użu personali tal-kaċċatur;

(iii) ikunu qed jiġu importati, esportati jew esportati mill-ġdid mill-kaċċatur jew f’ismu, bħala parti mit-trasferiment mill-pajjiż tal-oriġini tiegħu, sakemm jaslu fl-Istat tar-residenza normali tal-kaċċatur;

▼B

(5) “persuna li hija normalment residenti fil-Komunità” tfisser persuna li tgħix fil-Komunità għal mill-inqas 185 jum f’kull sena kalendarja minħabba r-rabtiet tax-xogħol tagħha, jew, fil-każ ta’ persuna mingħajr irbit ta’ xogħol, minħabba rabtiet personali li juru rabtiet mill-qrib bejn dik il-persuna u l-post fejn tkun qiegħda tgħix;

▼M6

(6) “wirja li tivvjaġġa” tfisser ġbir ta' kampjuni, ċirklu, menagerie, wirja ta' pjanti, orkestra jew wirja f'mużew li tintuża għal wiri kummerċjali għall-pubbliku;

▼M1

(7) “ċertifikati għal tranżazzjonijiet speċifiċi” tfisser ċertifikati maħruġa skond l-Artikolu 48 li huma validi biss għal tranżazzjoni speċifikata waħda jew iktar;

▼B

(8) “ċertifikati għal kampjuni speċifiċi” tfisser ċertifikati maħruġa skont l-Artikolu 48, għajr ċertifikati għal transazzjonijiet speċifiċi;

▼M1

(9) “ġabra tal-kampjuni” tfisser ġabra ta’ kampjuni mejta, partijiet u derivattivi minnhom, akkwistati b'mod legali, ittrasportati minn pajjiż għall-ieħor għal għanijiet ta’ preżentazzjoni;

(10) “kampjun prekonvenzjoni” tfisser kampjun akkwistat qabel ma l-ispeċi kkonċernata kienet inkluża għall-ewwel darba fl-Appendiċi għall-Konvenzjoni.

▼B

KAPITOLU II

FORMOLI U REKWIŻITI TEKNIĊI

▼M3

———————

▼B

Artikolu 4

Il-mili tal-formoli

▼M2

1. Il-formoli msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 ([1]) għandhom jimtlew billi jiġu ttajpjati.

▼M6

Madankollu, applikazzjonijiet għall-permessi ta' importazzjoni u esportazzjoni, għal ċertifikati ta' esportazzjonijiet mill-ġdid, għaċ-ċertifikati previsti fl-Artikoli 5(2)(b), 5(3), 5(4), 8(3) u 9(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, għal ċertifikati ta' proprjetà personali, għal ċertifikati tal-ġabriet tal-kampjuni, għal ċertifikati ta' strumenti mużikali u għaċ-ċertifikati għal wirjiet itineranti kif ukoll għal notifiki ta' importazzjoni, folji u tikketti ta' kontinwazzjoni jistgħu jimtlew bl-idejn, sakemm dan isir b'mod leġibbli, bil-linka u b'ittri kapitali.

▼M2

2. Il-formoli 1 sa 4 tal-Anness I ipprovduti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012, formoli 1 u 2 tal-Anness II pprovduti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012, formoli 1 u 2 tal-Anness III pprovduti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012, formoli 1 u 2 tal-Anness V ipprovduti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012, il-folji ta’ kontinwazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 u t-tikketti msemmija fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 ma jistax ikun fihom tħassir jew modifiki, sakemm dak it-tħassir jew modifiki ma jkunux ġew awtentikati mit-timbru u l-firma tal-awtorità amministrattiva emittenti. Fil-każ tan-notifikazzjonijiet tal-importazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 u l-folji ta’

([1]) ĠU L 242, 7.9.2012, p. 13.

▼M2

kontinwazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012, it-tħassir jew l-emendi jistgħu wkoll jiġu awtentikati mit-timbru u mill-firma tal-uffiċju tad-dwana tal-introduzzjoni.

▼B

Artikolu 5

Il-kontenut tal-permessi, iċ-ċertifikati u l-applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' dawn id-dokumenti

L-informazzjoni u r-referenzi fil-permessi u ċ-ċertifikati, kif ukoll fl-applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' dawn id-dokumenti, għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(1) id-deskrizzjoni tal-kampjuni għandha, meta jkun hemm previst għaliha, tinkludi wieħed mill-kodiċijiet inklużi fl-Anness VII;

(2) għall-indikazzjoni tal-unitajiet tal-kwantità u l-massa netta, għandhom jintużaw dawk inklużi fl-Anness VII;

(3) it-*taxa* li għalihom jappartjenu l-kampjuni għandhom jiġu indikati għal-livell tal-ispeċi għajr meta l-ispeċi jkun differenti fuq il-livell tas-subspeċi skont l-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 338/97 jew meta l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tkun iddeċidiet li d-diffrenzjar għal livell tassonomiku ogħla hija suffiċjenti;

(4) ir-referenzi standard għan-nomenklatura inkluża fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament għandhom jintużaw sabiex jindikaw l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċi;

(5) fejn meħtieġ, għandu jiġi indikat l-għan ta' transazzjoni billi jintuża wieħed mill-kodiċijiet inklużi fil-punt 1 tal-Anness IX għal dan ir-Regolament;

(6) is-sors tal-kampjuni għandu jiġi indikat billi jintuża wieħed mill-kodiċijiet inklużi fil-punt 2 tal-Anness IX għal dan ir-Regolament.

Fejn l-użu tal-kodiċijiet imsemmija fil-punt (6) ikun soġġett għal konformità mal-kriterji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 338/97 jew f'dan ir-Regolament, dawn għandhom ikunu konformi ma' dawk il-kriterji.

▼M1

Artikolu 5a

Kontenut speċifiku ta' permessi, ċertifikati u applikazzjonijiet għal kampjuni tal-pjanti

▼M2

Fil-każ ta' eżemplari ta' pjanti li ma jibqgħux jikkwalifikaw għal eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni jew tar-Regolament (KE) Nru 338/97 skont in-"Noti dwar l-interpretazzjoni tal-Annessi A, B, C, u D" fl-Anness għalih, skont liema ġew legalment esportati u importati, il-pajjiż li jrid jiġi indikat fil-kaxxa 15 tal-formoli fl-Anness I u III pprovduti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012, il-kaxxa 4 tal-formoli fl-Anness II pprovduti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012, u l-kaxxa 10 tal-formoli fl-Anness V pprovduti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 jista' jkun il-pajjiż fejn il-kampjuni ma jkunux baqgħu jikkwalifikaw għall-eżenzjoni.

▼M1

F'dawk il-każi, il-kaxxa rriżervata għad-dħul ta' "kundizzjonijiet speċjali" fil-permess jew ċertifikat għandhom jinkludu d-dikjarazzjoni "Importati legalment skond l-eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet tas-CITES" u għandhom jispeċifikaw għal xiex tirreferi din l-eżenzjoni.

▼M2

Artikolu 6

Annessi għall-formoli

1. Jekk anness mehmuż ma' xi formola msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 ikun parti integrali minn dik il-formola, dak il-fatt u l-għadd tal-paġni għandhom ikunu indikati biċ-ċar fuq il-permess jew ċertifikat ikkonċernat u kull paġna tal-Anness trid tinkludi li ġej:

(a) in-numru tal-permess jew ċertifikat u d-data tal-ħruġ tiegħu;

(b) il-firma u t-timbru jew is-siġill tal-awtorità amministrattiva li ħarġet il-permess jew iċ-ċertifikat.

2. Meta l-formoli msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 jintużaw għal iktar minn speċi waħda f'konsenja, għandu jinhemeż anness li, b'żieda mal-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu, għal kull speċi fil-konsenja, jirriproduċi l-kaxxi 8 sa 22 tal-formola kkonċernata kif ukoll l-ispazji li jkun hemm fil-kaxxa 27 tagħha għall-inklużjoni tal-"kwantità/massa netta attwalment importata jew (ri-)esportata" u, fejn xieraq, "l-għadd ta' annimali mejta mal-wasla".

3. Meta l-formoli msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 jintużaw għal iktar minn speċi waħda, għandu jinhemeż anness illi, b'żieda mal-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu, għal kull speċi, jirriproduċi l-kaxxi 8 sa 18 tal-formola kkonċernata.

4. Meta l-formoli msemmija fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 jintużaw għal iktar minn speċi waħda, għandu jiġi mehmuż anness illi, b'żieda mal-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu, għal kull speċi, jirriproduċi l-kaxxi 4 sa 18 tal-formola kkonċernata.

▼B

Artikolu 7

Permessi u ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi

1. L-Artikolu 4(1) u (2), l-Artikolu 5(3), (4) u (5) u l-Artikolu 6 għandhom japplikaw fil-każ ta' deċiżjonijiet dwar l-aċċettabbiltà tal-permessi u ċ-ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi għal kampjuni li għandhom jiġu introdotti fil-Komunità.

2. Meta l-permessi u ċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu 1 ikunu dwar kampjuni li huma soġġetti għal kwoti ta' esportazzjoni ffissati volontarjament jew għal kwoti ta' esportazzjoni allokati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, dawn għandhom jiġu aċċettati biss jekk jispeċifikaw in-numru totali ta' kampjuni diġà esportati fis-sena attwali, inklużi dawk koperti mill-permess inkwistjoni, u l-kwota għall-ispeċi kkonċernati.

▼B

3. Iċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni maħruġin minn pajjiżi terzi għandhom jiġu aċċettati biss jekk jispeċifikaw il-pajjiż tal-oriġini u n-numru u d-data tal-ħruġ tal-permess rilevanti tal-esportazzjoni u, fejn applikabbli, il-pajjiż tal-aħħar ri-esportazzjoni u n-numru u d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat rilevanti ta' ri-esportazzjoni, jew jekk ikunu jinkludu ġustifikazzjoni sodisfaċenti dwar l-ommissjoni ta' din l-informazzjoni.

▼M1

4. Il-permessi u ċ-ċertfikati maħruġa minn pajjiżi terzi bil-kodiċi tassors "O" għandhom jiġu aċċettati biss jekk ikopru kampjuni konformi mad-definizzjoni tal-kampjun tal-prekonvenzjoni stabbilit fl-Artikolu 1(10) u jinkludu jew id-data ta' l-akkwist tal-kampjuni jew dikjarazzjoni li l-kampjuni ġew akkwistati qabel data speċifika.

▼M2

5. Il-permessi tal-esportazzjoni u ċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni għandhom jiġu approvati, bil-kwantità, firma u timbru, minn uffiċjali tal-pajjiż tal-esportazzjoni jew tar-riesportazzjoni, fil-parti tad-dokument li tikkonċerna l-approvazzjoni tal-esportazzjoni. Jekk id-dokument tal-esportazzjoni ma jkunx ġie approvat mal-waqt tal-esportazzjoni, l-awtorità amministrattiva għandha tikkoordina mal-awtorità amministrattiva tal-pajjiż tal-esportazzjoni u tikkunsidra ċirkostanzi jew dokumenti estenwanti għad-determinazzjoni tal-aċċettabbiltà tad-dokument.

▼M6

6. Permessi ta' esportazzjoni u ċertifikati ta' esportazzjoni mill-ġdid maħruġa minn pajjiżi terzi għandhom jiġu aċċettati biss jekk l-awtorità kompetenti mill-pajjiż terz ikkonċernat tipprovdi, fejn mitluba tagħmel dan, informazzjoni sodisfaċenti li l-kampjuni nkisbu f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati.

▼B

KAPITOLU III

IL-ĦRUĠ, L-UŻU U L-VALIDITÀ TAD-DOKUMENTI

Artikolu 8

Il-ħruġ u l-użu tad-dokumenti

▼M2

1. Id-dokumenti għandhom jinħarġu u jintużaw skont id-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet preskritti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (KE) Nru 338/97, u partikolarment l-Artikolu 11(1) sa (4) tar-Regolament tal-aħħar. Il-permessi u ċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu fuq karta jew f'format elettroniku.

▼B

Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dawk ir-Regolamenti u mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottati għall-implimentazzjoni tagħhom, l-awtorità amministrattiva tal-ħruġ tista' timponi stipulazzjonijiet, kundizzjonijiet u rekwiżiti, li għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti kkonċernati.

2. L-użu tad-dokumenti għandu jkun bla ħsara għal kwalunkwe formalitajiet oħrajn relatati mal-moviment ta' oġġetti fil-Komunità, mal-introduzzjoni ta' oġġetti fil-Komunità jew mal-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni tagħhom minn hemm, jew mal-ħruġ tad-dokumenti użati għal dawn il-formalitajiet.

3. L-awtoritajiet amministrattivi għandhom jiddeċiedu dwar il-ħruġ ta' permessi u ċertifikati fi żmien xahar mid-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompleta.

▼B

Madankollu, meta l-awtorità amministrattiva tal-ħruġ tikkonsulta terzi persuni, deċiżjoni bħal din tista' tittieħed biss wara t-tlestija sodisfaċenti ta' dik il-konsultazzjoni. L-applikanti għandhom jiġu nnotifikati dwar id-dewmien sinjifikanti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tagħhom.

▼M6

Artikolu 9

Kunsinna ta' kampjuni

Bla ħsara għall-Artikoli 31, 38, 44b, 44i u 44p għal kull kunsinna ta' kampjuni mibgħuta bil-baħar flimkien bħala parti minn tagħbija waħda, għandu jinħareġ jew permess ta' importazzjoni, jew notifika ta' importazzjoni, jew permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid separatament

Artikolu 10

Il-validità tal-permessi għall-importazzjoni u l-esportazzjoni, ta' ċertifikati tal-esportazzjoni mill-ġdid, ta' ċertifikati tal-wirjiet itineranti, ta' ċertifikati ta' proprjetà personali, ta' ċertifikati tal-kollezzjonijiet tal-kampjuni u ta' ċertifikati ta' strumenti mużikali

▼B

1. Il-perjodu tal-validità ta' permessi ta' importazzjoni maħruġa skont l-Artikoli 20 u 21 ma għandux jaqbeż it-12-il xahar. Madankollu, permess ta' importazzjoni ma għandux ikun validu fin-nuqqas ta' dokument korrispondenti validu mill-pajjiż ta' esportazzjoni jew ri-esportazzjoni.

▼M1

Fir-rigward ta' kavjar ta' l-ispeċi sturjun (Acipenseriformes spp.) li ġej minn stokk ta' ħut komuni suġġett għal kwoti ta' esportazzjoni, fejn huwa kopert minn permess ta' esportazzjoni, il-permessi ta' importazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhomx ikunu validi sa aktar tard mill-aħħar jum tas-sena ta' kwota fejn il-kavjar ikun inġabar u pproċessat jew mill-aħħar jum tal-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fl-ewwel subparagrafu, skond liema perjodu jiġi l-ewwel.

Fir-rigward ta' kavjar ta' l-ispeċi sturjun (Acipenseriformes spp.) kopert minn ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid, il-permessi ta' importazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhomx ikunu validi sa aktar tard mill-aħħar jum tal-perjodu ta' 18-il xahar wara d-data tal-ħruġ tal-permess ta' esportazzjoni oriġinali rilevanti jew mill-aħħar jum tal-perjodu ta' 12-il xahar imsemmi fl-ewwel subparagrafu, skond liema perjodu jiġi l-ewwel.

▼B

2. Il-perjodu ta' validità tal-permessi ta' esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 26 ma għandux jaqbeż issitt xhur.

▼M1

Fir-rigward ta' kavjar ta' l-ispeċi sturjun (Acipenseriformes spp.) minn stokk ta' ħut komuni suġġett għal kwoti ta' esportazzjoni, il-permessi ta' esportazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhomx ikunu validi sa aktar tard mill-aħħar jum tas-sena ta' kwota fejn il-kavjar ikun inġabar u pproċessat jew l-aħħar jum tal-perjodu ta' 6 xhur imsemmi fl-ewwel subparagrafu, skond liema perjodu jiġi l-ewwel.

Fir-rigward ta' kavjar ta' l-ispeċi sturjun (Acipenseriformes spp.), iċ-ċertifikati ta' l-esportazzjoni mill-ġdid imsemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhomx ikunu validi sa aktar tard mill-aħħar jum tal-perjodu ta' 18-il xahar wara d-data tal-ħruġ tal-permess ta' esportazzjoni oriġinali rilevanti jew mill-aħħar jum tal-perjodu ta' 6 xhur imsemmi fl -ewwel subparagrafu, skond liema perjodu jiġi l-ewwel.

▼M1

2a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu u l-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, is-sena ta' kwota għandha tkun dik miftiemha mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni.

▼M6

3. Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-wirja li tivvjaġġa u ċ-ċertifikati tal-proprjetà personali maħruġa skont l-Artikoli 30, 37 u 44 rispettivament ma għandux jaqbeż it-tliet snin.

▼M1

3a. Il-perjodu ta' validità għal ċertifikati tal-kollezzjonijiet tal-kampjuni maħruġa skond l-Artikolu 44a ma għandux jaqbeż is-sitt xhur. Id-data ta' skadenza ta' ċertifikat tal-kollezzjoni tal-kampjuni ma għandhiex tkun iktar tard minn dik fuq il-*carnet* ATA mehmuż miegħu.

4. Wara li jiskadu, il-permessi u ċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 3a għandhom jitqiesu nulli.

▼M6

5. Iċ-ċertifikati tal-wirja li tivvjaġġa, iċ-ċertifikati tal-proprjetà personali jew iċ-ċertifikati tal-istrumenti mużikali ma jibqgħux validi jekk il-kampjun jinbiegħ, jintilef, jinqered jew jinsteraq, jew jekk il-proprjetà tal-kampjun tiġi trasferita b'mod ieħor, jew, fil-każ ta' kampjuni ħajjin, jekk dawn ikunu mietu, ħarbu jew ikunu ġew rilaxxati fl-ambjent naturali tagħhom.

6. Id-detentur għandu mingħajr dewmien żejjed jibgħat lura lill-awtorità ta' ġestjoni emittenti l-oriġinal u l-kopji kollha ta' permess ta' importazzjoni, permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid, ċertifikat ta' wirjiet itineranti, ċertifikat ta' proprjetà personali, ċertifikat tal-kollezzjoni tal-kampjuni jew ċertifikat ta' strument mużikali li jkun skada jew li mhux qed jintuża aktar jew li ma għadux validu.

▼B

Artikolu 11

Il-validità tal-permessi ta' importazzjoni użati u taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikoli 47, 48, 49, 60 u 63

1. Il-kopji għad-detentur ta' permessi ta' importazzjoni użati ma għandhomx jibqgħu validi fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-kampjuni ħajjin imsemmija fihom ikunu mietu;

(b) meta l-annimali ħajjin imsemmija fihom ikunu ħarbu jew ikunu ġew rilaxxati fl-ambjent naturali tagħhom;

▼M6

(c) meta l-kampjuni msemmija fihom ikunu ntilfu, inqerdu jew insterqu;

▼B

(d) meta kwalunkwe waħda mill-entrati fil-kaxex 3, 6 jew 8 ma tibqax tirrifletti s-sitwazzjoni attwali.

2. Iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikoli 47, 48, 49 u 63 ma għandhomx jibqgħu validi fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-kampjuni ħajjin imsemmija fihom ikunu mietu;

(b) meta l-annimali ħajjin imsemmija fihom ikunu ħarbu jew ikunu ġew rilaxxati fl-ambjent naturali tagħhom;

▼M6

(c) meta l-kampjuni msemmija fihom ikunu ntilfu, inqerdu jew insterqu;

▼B

(d) meta kwalunkwe waħda mill-entrati fil-kaxex 2 u 4 ma tibqax tirrifletti s-sitwazzjoni attwali;

▼M1

(e) meta ma jibqgħux jiġu sodisfatti xi kundizzjonijiet speċjali speċifikati fil-kaxxa 20.

▼M2

3. Ċertifikati maħruġa skont l-Artikoli 48 u 63 għandhom ikunu speċifiċi għat-transazzjoni sakemm il-kampjuni koperti minn dawn iċ-ċertifikati ma jkunux immarkati unikament u permanentament jew, fil-każ ta' eżemplari mejta li ma jistgħux jiġu mmarkati, identifikati b'mezzi oħrajn.

▼B

L-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-kampjun tista' wkoll, f'konsultazzjoni mal-awtorità xjentifika rilevanti, tiddeċiedi li toħroġ ċertifikati speċifiċi għat-tranżazzjonijiet fejn huwa kkunsidrat li hemm fatturi oħrajn li huma relatati mal-konservazzjoni tal-ispeċi li jimmilitaw kontra l-ħruġ ta' ċertifikat speċifiku għall-kampjuni.

▼M1

Meta jinħareġ ċertifikat għal tranżazzjoni speċifika biex jippermetti li jsiru bosta tranżazzjonijiet, dan ikun validu biss fi ħdan it-territorju ta' l-Istat Membru emittenti. Meta ċertifikati għal tranżazzjoni speċifika jkunu maħsuba biex jintużaw fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru emittenti, dawn iridu jinħarġu għal tranżazzjoni waħda biss u l-validità tagħhom trid tkun limitata għal dik it-tranżazzjoni. Fil-kaxxa 20 għandu jiġi indikat jekk ċertifikat huwiex validu għal tranżazzjoni waħda jew iktar u l-Istat(i) Membru/i li fit-territorju tagħhom huwa validu dan iċ-ċertifikat.

▼B

4. Iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 48(1)(d) u fl-Artikolu 60 ma għandhomx jibqgħu validi meta l-entrata fil-kaxxa 1 ma tibqax tirrifletti s-sitwazzjoni attwali.

▼M1

5. Dokumenti li ma jibqgħux validi skond dan l-Artikolu għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jinroddu lura lill-awtorità tal-ġestjoni emittenti li, fejn hu xieraq, jinħareġ ċertifikat li jirrifletti l-bdil meħtieġ skond l-Artikolu 51.

▼B

Artikolu 12

Dokumenti kkanċellati, mitlufa, misruqa, meqruda jew skaduti

1. Meta jinħareġ permess jew ċertifikat biex jieħu post dokument li kien ġie kkanċellat, intilef, insteraq jew inqered, jew li, fil-każ ta' permess jew ċertifikat ta' ri-esportazzjoni, ikun skada, in-numru tad-dokument mibdul u r-raġuni għat-tibdil għandhom jiġu indikati fil-kaxxa għal "kundizzjonijiet speċjali".

2. Meta permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' ri-esportazzjoni jkun ġie kkanċellat, intilef, insteraq jew inqered, l-awtorità amministrattiva tal-ħruġ għandha tinforma b'dan lill-awtorità amministrattiva tal-pajjiż destinatarju u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni tiegħu.

Artikolu 13

Iż-żmien tal-applikazzjoni għad-dokumenti ta' importazzjoni u (ri)-esportazzjoni u l-assenjazzjoni għal proċedura doganali

1. Għandha ssir applikazzjoni għall-permessi ta' importazzjoni, il-permessi ta' esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni, filwaqt li jitqies l-Artikolu 8(3), f'limitu ta' żmien suffiċjenti li jippermetti l-ħruġ tagħhom qabel l-introduzzjoni ta' kampjuni fi, jew l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni tagħhom mill-Komunità.

▼B

2. Il-kampjuni ma għandhomx ikunu awtorizzati biex jiġu assenjati għal proċedura doganali sa wara l-preżentazzjoni tad-dokumenti mitluba.

Artikolu 14

Il-validità ta' dokumenti minn pajjiżi terzi

Fil-każ tal-introduzzjoni ta' kampjuni fil-Komunità, id-dokumenti mitluba minn pajjiżi terzi għandhom jitqiesu bħala validi biss meta jkunu nħarġu għal esportazzjoni jew għal ri-esportazzjoni minn dak il-pajjiż qabel l-aħħar jum tal-validità tagħhom u jkunu ntużaw għall-introduzzjoni ta' kampjuni fil-Komunità mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom.

▼M6

Madankollu, iċ-ċertifikati ta' oriġini għal kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness Ċ għar-Regolament (KE) Nru 338/97 jistgħu jintużaw għall-introduzzjoni ta' kampjuni fil-Komunità sa 12-il xahar mid-data tal-ħruġ tagħhom, filwaqt li ċ-ċertifikati ta' wirja li tivvjaġġa, iċ-ċertifikati ta' proprjetà personali u ċ-ċertifikati ta' strumenti mużikali jistgħu jintużaw għall-introduzzjoni ta' kampjuni fil-Komunità u għall-iskop tal-applikazzjoni ta' ċertifikati rispettivi skont l-Artikoli 30, 37 u 44h ta' dan ir-Regolament sa tliet snin mid-data tal-ħruġ tagħhom.

▼B

Artikolu 15

Il-ħruġ retrospettiv ta' ċerti dokumenti

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u diment li l-importatur jew ir-(ri)esportatur jinforma lill-awtorità amministrattiva kompetenti mal-wasla jew qabel it-tluq tal-kunsinna tal-merkanzija bir-raġunijiet għaliex id-dokumenti mitluba mhumiex disponibbli, id-dokumenti għall-kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness B jew Ċ għar-Regolament (KE) Nru 338/97, kif ukoll għall-kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness A għal dak ir-Regolament u msemmija fl-Artikolu 4(5) tiegħu, jistgħu jinħarġu eċċezzjonalment b'mod retrospettiv.

2. Id-deroga prevista fil-paragrafu 1 għandha tapplika meta l-awtorità amministrattiva kompetenti tal-Istat Membru, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz fejn xieraq, tkun sodisfatta li kwalunkwe irregolaritajiet li jkunu saru mhumiex attribwibbli għall-importatur jew ir-(ri-)esportatur, u li l-importazzjoni jew ir-(ri-)esportazzjoni tal-kampjuni kkonċernati tkun madankollu konformi mar-Regolament (KE) Nru 338/97, il-Konvenzjoni u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż terz.

▼M1

Fir-rigward ta' kampjuni importati jew esportati (mill-ġdid) bħala effetti personali jew domestiċi li għalihom huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu XIV, u fir-rigward ta' annimali ħajjin miżmuma għal finijiet personali, li jinxtraw legalment u jinżammu għal finijiet mhux kummerċjali, id-deroga provduta f'dan il-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll fejn l-awtorità ta' ġestjoni kompetenti ta' Stat Membru, f'konsultazzjoni ma' l-awtorità ta' infurzar rilevanti, hija sodisfatta li hemm evidenza li sar żball ġenwin u li ma kien hemm l-ebda ħsieb ta' qerq u li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni (mill-ġdid) tal-kampjuni kkonċernati hija f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 338/97, il-Konvenzjoni u l-leġiżlazzjoni rilevanti ta' pajjiż terz.

▼B

3. Id-dokumenti maħruġa skont il-paragrafu 1 għandhom jindikaw b'mod ċar li kienu nħarġu b'mod retrospettiv u r-raġunijiet għal dan il-ħruġ.

▼B

Fil-każ ta' permessi ta' importazzjoni tal-Komunità, il-permessi ta' esportazzjoni tal-Komunità u ċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni tal-Komunità, dik l-informazzjoni għandha tiġi indikata fil-kaxxa 23.

▼M2

3a. Fil-każ ta' annimali ħajjin ta' proprjetà personali, miksuba legalment u miżmuma għal għanijiet personali u mhux kummerċjali, li għalihom jinħareġ permess ta' importazzjoni skont il-paragrafu 2, ittieni subparagrafu, attivitajiet kummerċjali, kif definiti fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, għandhom jiġu pprojbiti għal sentejn (2) mid-data tal-ħruġ tal-permess, u ma għandha tingħata l-ebda eżenzjoni waqt dak il-perjodu għal kampjuni tal-ispeċijiet tal-Anness A, kif ipprovdut fl-Artikolu 8(3) ta' dak ir-Regolament.

Fil-każ ta' permessi tal-importazzjoni maħruġa skont il-paragrafu 2, ittieni subparagrafu, għal kampjuni ta' annimali ħajjin ta' proprjetà personali u għal kampjuni ta' speċijiet elenkati fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97 u msemmija fl-Artikolu 4(5)(b) tiegħu, fil-kaxxa 23 għandha tiddaħħal l-istipulazzjoni "b'deroga mill-Artikoli 8(3) jew (5) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, attivitajiet kummerċjali, kif stipulati fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, għandhom ikunu pprojbiti għal tal-anqas sentejn (2) mid-data tal-ħruġ ta' dan il-permess."

▼B

4. Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni għandu jiġi nnotifikat dwar il-permessi ta' esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni maħruġa skont il-paragrafi 1, 2 u 3.

Artikolu 16

Kampjuni fi tranżitu mill-Komunità

L-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Annessi A u B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 li huma fi tranżitu mill-Komunità fejn dak it-tranżitu huwa b'mod ieħor konformi mar-Regolament imsemmi l-aħħar.

Artikolu 17

Ċertifikati fitosanitarji

1. Fil-każ ta' pjanti mnisslin artifiċjalment tal-ispeċi elenkati fl-Annessi B u Ċ għar-Regolament (KE) Nru 338/97 u ta' ibridi mnisslin artifiċjalment prodotti mill-ispeċi mhux annotati elenkati fl-Anness A tiegħu, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li għandu jinħareġ ċertifikat fitosanitarju minflok permess ta' esportazzjoni;

(b) iċ-ċertifikati fitosanitarji maħruġin minn pajjiżi terzi għandhom jiġu aċċettati minflok permess ta' esportazzjoni.

2. Meta jinħareġ ċertifikat fitosanitarju kif imsemmi fil-paragrafu 1, dan għandu jinkludi l-isem xjentifiku fil-livell tal-ispeċi jew, jekk dan mhuwiex possibbli għal dawk it-*taxa* inklużi skont il-familja fl-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 338/97, fil-livell ġeneriku.

Madankollu, l-orkideji mnisslin artifiċjalment u l-kakti elenkati fl-Anness B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 tista' ssir referenza għalihom b'dan il-mod.

Iċ-ċertifikati fitosanitarji għandhom jinkludu wkoll it-tip u l-kwantità tal-kampjuni u jkollhom timbru, siġill jew indikazzjoni speċifika oħra li jgħidu li "l-kampjuni huma mnisslin artifiċjalment kif definit minn CITES".

▼B

Artikolu 18

Proċeduri ssimplifikati fir-rigward ta' ċertu kummerċ ta' kampjuni bijoloġiċi

1. Fil-każ ta' kummerċ li ma jkollu ebda impatt fuq il-konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernati jew li jkollu biss impatt negliġibbli, jistgħu jintużaw proċeduri ssimplifikati fuq il-bażi ta' permessi u ċertifikati maħruġa minn qabel għal kampjuni bijoloġiċi tat-tip u d-daqs speċifikati fl-Anness XI, fejn dawk il-kampjuni jintalbu b'mod urġenti sabiex jintużaw bil-mod speċifikat f'dak l-Anness u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm reġistru tal-persuni u l-korpi li jistgħu jibbenifikaw minn proċeduri ssimplifikati, minn hawn 'il quddiem "persuni u korpi rreġistrati", kif ukoll tal-ispeċi li jistgħu jinnegozjaw taħt l-istess proċeduri, u għandu jiżgura li r-reġistru jiġi rivedut mill-awtorità amministrattiva kull ħames snin;

(b) l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni u lill-korpi rreġistrati b'permessi u ċertifikati mimlijin parzjalment;

(c) l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lill-persuni jew lill-korpi rreġistrati biex idaħħlu informazzjoni speċifika fuq il-faċċata tal-permess jew taċ-ċertifikat fejn l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru rilevanti tkun inkludiet l-entrati li ġejjin fil-kaxxa 23, jew f'post ekwivalenti, jew inkella f'anness għall-permess jew iċ-ċertifikat:

(i) lista tal-kaxex li l-persuni jew il-korpi rreġistrati huma awtorizzati li jimlew għal kull merkanzija;

(ii) post għall-firma tal-persuna li mliet id-dokument.

Jekk il-lista msemmija fil-punt (c)(i) tinkludi ismijiet xjentifiċi, l-awtorità amministrattiva għandha tinkludi inventarju ta' speċi approvati fuq il-faċċata tal-permess jew ċertifikat jew f'anness għalih.

2. Il-persuni u l-korpi jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru għal speċi partikolari biss wara li awtorità xjentifika kompetenti tkun irrakkomandat, skont l-Artikoli 4(1)(a), 4(2)(a), 5(2)(a) u 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, li t-tranżazzjonijiet multipli li jinvolvu l-kampjuni bijoloġiċi elenkati fl-Anness XI għal dan ir-Regolament mhumiex sejrin ikollhom effett ta' ħsara fuq l-istatus tal-konservazzjoni tal-ispeċi inkwistjoni.

3. Il-kontejner li fih jinġarru bil-baħar il-kampjuni bijoloġiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollu tikketta li tispeċifika "Muestras biológicas CITES", jew "Kampjuni Bijoloġiċi ta' CITES", jew "Échantillons biologiques CITES", kif ukoll in-numru tad-dokument maħruġ skont il-Konvenzjoni.

Artikolu 19

Proċeduri ssimplifikati fir-rigward tal-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni ta' kampjuni mejtin

1. Fil-każ tal-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni ta' kampjuni ta' speċi mejtin, inkluż kwalunkwe parti jew derivattivi tagħhom, elenkati fl-Annessi B u Ċ għar-Regolament (KE) Nru 338/97, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-użu ta' proċeduri ssimplifikati fuq il-bażi ta' permessi ta' esportazzjoni jew ċertifikati ta' ri-esportazzjoni maħruġa minn qabel, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) awtorità xjentifika kompetenti għandha tirrakkomanda li tali esportazzjoni jew ri-esportazzjoni ma jkollha ebda impatt detrimentali fuq il-konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernati;

▼B

(b) kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm reġistru tal-persuni u l-korpi li jistgħu jibbenifikaw minn proċeduri ssimplifikati, minn hawn 'il quddiem "persuni u korpi rreġistrati", kif ukoll tal-ispeċi li jistgħu jinnegozjaw taħt l-istess proċeduri, u għandu jiżgura li r-reġistru jiġi rivedut mill-awtorità amministrattiva kull ħames snin;

(c) l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni u lill-korpi rreġistrati b'permessi ta' esportazzjoni u ċertifikati ta' ri-esportazzjoni mimlijin parzjalment;

(d) l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lill-persuni jew lill-korpi rreġistrati biex idaħħlu informazzjoni speċifika fil-kaxex 3, 5, 8 u 9 jew 10 tal-permess jew taċ-ċertifikat, diment li dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) huma jiffirmaw il-permess jew ċertifikat mimli fil-kaxxa 23;

(ii) huma jibagħtu minnufih kopja tal-permess jew taċ-ċertifikat lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ;

(iii) huma jżommu reġistru li jipproduċu u jibagħtuh lill-awtorità amministrattiva kompetenti fuq talba tagħha u li jkun jinkludi dettalji tal-kampjuni mibjugħin, inklużi l-ismijiet tal-ispeċi, it-tip ta' kampjun, is-sors tal-kampjun, id-dati tal-bejgħ u l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom inbiegħu.

2. L-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 dejjem għandha tkun konformi mal-Artikolu 5(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

KAPITOLU IV

PERMESSI TA' IMPORTAZZJONI

Artikolu 20

L-applikazzjonijiet

1. L-applikant għal permess ta' importazzjoni għandu, fejn ikun xieraq, jimla l-kaxex 1, minn 3 sa 6 u minn 8 sa 23 tal-formola tal-applikazzjoni u l-kaxex 1, 3, 4, 5 u minn 8 sa 22 tal-oriġinal u l-kopji kollha. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li għandha timtela biss formola ta' applikazzjoni waħda, f'liema każ tali applikazzjoni tista' tkun relatata ma' aktar minn tagħbija waħda bil-baħar.

2. Il-formola mimlija kif suppost għandha tintbagħat lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru destinatarju u għandha tinkludi l-informazzjoni u għandha tkun akkumpanjata bl-evidenza ddokumentata li l-awtorità tqis li hija meħtieġa sabiex tippermettilha tiddetermina jekk, fuq il-bażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, għandux joħroġ permess.

Għandha tingħata raġuni għall-ommissjoni tal-informazzjoni mill-applikazzjoni.

3. Meta ssir applikazzjoni għal permess ta' importazzjoni fir-rigward ta' kampjuni li għalihom, applikazzjoni bħal din kienet ġiet miċħuda qabel, l-applikant għandu jinforma lill-awtorità amministrattiva b'dak il-fatt.

4. Għal permessi ta' importazzjoni dwar il-kampjuni msemmija fl-Artikolu 64(1) minn (a) sa (f), l-applikant għandu jissodisfa lill-awtorità amministrattiva li r-rekwiżiti tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 66 kienu ġew issodisfati.

▼M1

Artikolu 20a

Rifjut ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' l-importazzjoni

L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjonijiet għal permessi ta' l-importazzjoni għal kavjar u laħam ta' l-ispeċi ta' l-isturjun (Acipenseriformes spp.) li ġej minn stokk ta' ħut komuni sakemm ikunu stabbiliti kwoti ta' l-esportazzjoni għall-ispeċi f'konformità mal-proċedura approvata mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni.

▼B

Artikolu 21

Permessi ta' importazzjoni maħruġin għal kampjuni ta' speċi inklużi fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni u elenkati fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97

Fil-każ ta' permess ta' importazzjoni maħruġ għall-kampjuni tal-ispeċi inklużi fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni u elenkati fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97, il-kopja għall-pajjiż esportatur jew ri-esportatur tista' tintbagħat lura lill-applikant sabiex tiġi sottomessa lill-awtorità amministrattiva tal-pajjiż esportatur jew ri-esportatur, għall-finijiet tal-ħruġ ta' permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' ri-esportazzjoni. L-oriġinal ta' dak il-permess ta' importazzjoni għandu, skont l-Artikolu 4(1)(b)(ii) ta' dak ir-Regolament, jinżamm sakemm issir il-preżentazzjoni tal-permess ta' esportazzjoni jew taċ-ċertifikat ta' ri-esportazzjoni korrispondenti.

Meta l-kopja tal-pajjiż esportatur jew ri-esportatur ma tintbagħatx lura lill-applikant, dan tal-aħħar għandu jingħata dikjarazzjoni bil-miktub li l-permess ta' importazzjoni sejjer jinħareġ u taħt liema kundizzjonijiet.

Artikolu 22

Dokumenti li għandhom jingħataw mill-importatur lill-uffiċċju doganali

Bla ħsara għall-Artikolu 53, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jgħaddi d-dokumenti li ġejjin lill-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-punt tal-introduzzjoni fil-Komunità, kif indikat skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97:

(1) il-permess ta' importazzjoni oriġinali (il-formola 1);

(2) il-"kopja għad-detentur" (il-formola 2);

(3) meta jkun speċifikat fil-permess ta' importazzjoni, kull dokumentazzjoni mill-pajjiż esportatur jew ri-esportatur.

Fejn ikun xieraq, l-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jindika n-numru tal-polza tat-tagħbija jew tal-polza tat-trasport bl-ajru fil-kaxxa 26.

Artikolu 23

Trattament mill-uffiċċju doganali

L-uffiċċju doganali msemmi fl-Artikolu 22, jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 53(1), għandu, wara li jkun mela l-kaxxa 27 tal-permess ta' importazzjoni oriġinali (il-formola 1) u l-"kopja għad-detentur" (il-formola 2), jirritorna din tal-aħħar lill-importatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Il-permess ta' importazzjoni oriġinali (il-formola 1) u kull dokumentazzjoni mill-pajjiż esportatur jew ri-esportatur għandhom jintbagħtu skont l-Artikolu 45.

▼B

KAPITOLU V

NOTIFIKI TA' IMPORTAZZJONI

Artikolu 24

Dokumenti li għandhom jingħataw mill-importatur lill-uffiċċju doganali

1. L-importatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, fejn ikun xieraq, jimla l-kaxex minn 1 sa 13 tan-notifika ta' importazzjoni oriġinali (il-formola 1) u l-kopja għall-importatur (il-formola 2) u, bla ħsara għall-Artikolu 25, għandu jgħaddihom flimkien ma' kull dokumentazzjoni mill-pajjiż esportatur jew ri-esportatur lill-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-punt tal-introduzzjoni fil-Komunità, kif indikat skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

2. Fil-każ tan-notifiki ta' importazzjoni li jirrelataw ma' kampjuni ta' speċi elenkati fl-Anness Ċ għar-Regolament (KE) Nru 338/97, l-uffiċċji doganali jistgħu, fejn ikun meħtieġ, iżommu dawn il-kampjuni sakemm issir il-verifika tal-validità tad-dokumenti ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 4(3)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 25

Trattament mill-uffiċċju doganali

L-uffiċċju doganali msemmi fl-Artikolu 24, jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 53(1), għandu, wara li jkun mela l-kaxxa 14 tan-notifika ta' importazzjoni oriġinali (il-formola 1) u l-"kopja għall-importatur" (il-formola 2), irodd lura din tal-aħħar lill-importatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

In-notifika ta' importazzjoni oriġinali (il-formola 1) u kull dokumentazzjoni mill-pajjiż esportatur jew ri-esportatur għandhom jintbagħtu skont l-Artikolu 45.

KAPITOLU VI

PERMESSI TA' ESPORTAZZJONI U ĊERTIFIKATI TA' RI-ESPORTAZZJONI

Artikolu 26

Applikazzjonijiet

1. L-applikant għal permess ta' esportazzjoni jew għal ċertifikat ta' ri-esportazzjoni għandu, fejn ikun xieraq, jimla l-kaxex 1, 3, 4, 5 u minn 8 sa 23 tal-formola tal-applikazzjoni u l-kaxex 1, 3, 4 u 5 u minn 8 sa 22 tal-oriġinal u l-kopji kollha. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li għandha timtela biss formola ta' applikazzjoni, f'liema każ, tali applikazzjoni tista' tirrelata ma' aktar minn tagħbija waħda bil-baħar.

2. Il-formola mimlija kif suppost għandha tintbagħat lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsabu l-kampjuni u għandha tinkludi l-informazzjoni u tkun akkumpanjata bl-evidenza dokumentata li l-awtorità tqis li hija meħtieġa sabiex tippermettilha tiddetermina jekk, fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, għandux joħroġ permess/ċertifikat.

Għandha tingħata raġuni għall-ommissjoni tal-informazzjoni mill-applikazzjoni.

▼B

3. Meta ssir applikazzjoni għal permess ta' esportazzjoni jew għal ċertifikat ta' ri-esportazzjoni relatata ma' kampjuni li għalihom applikazzjoni bħal din tkun ġiet miċħuda qabel, l-applikant għandu jinforma lill-awtorità amministrattiva b'dak il-fatt.

4. Għal permessi ta' importazzjoni u ċertifikati ta' ri-esportazzjoni dwar il-kampjuni msemmija fl-Artikolu 65, l-applikant għandu jissodisfa lill-awtorità amministrattiva li r-rekwiżiti tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 66 kienu ġew issodisfati.

5. Meta b'appoġġ għal applikazzjoni għal ċertifikat ta' ri-esportazzjoni, jiġu ppreżentati "kopja għad-detentur" ta' permess ta' importazzjoni, "kopja għall-importatur" ta' notifika ta' importazzjoni, jew ċertifikat maħruġ fuq dik il-bażi, dawn id-dokumenti għandhom jintbagħtu lura biss lill-applikant wara li ssir emenda fin-numru tal-kampjuni li għalihom id-dokument jibqa' validu.

Dokument bħal dan ma għandux jintbagħat lura lill-applikant jekk iċ-ċertifikat ta' ri-esportazzjoni jingħata għan-numru totali ta' kampjuni li għalihom ikun validu d-dokument, jew fejn id-dokument ikun sostitwit skont l-Artikolu 51.

6. L-awtorità amministrattiva għandha tistabbilixxi l-validità ta' kwalunkwe dokument ta' appoġġ, fejn meħtieġ b'konsultazzjoni ma' awtorità amministrattiva ta' Stat Membru ieħor.

7. Il-paragrafi 5 u 6 għandhom japplikaw meta jiġi ppreżentat ċertifikat b'appoġġ għal applikazzjoni għal permess ta' esportazzjoni.

8. Meta, taħt is-sorveljanza ta' awtorità amministrattiva ta' Stat Membru, il-kampjuni jkunu ġew immarkati individwalment sabiex jippermettu li ssir referenza faċli għad-dokumenti msemmija fil-paragrafi 5 u 7, ma jkunx hemm bżonn li dawk id-dokumenti jiġu ppreżentati fiżikament flimkien mal-applikazzjoni, diment li n-numru tagħhom ikun inkluż fl-applikazzjoni.

9. Fin-nuqqas tal-evidenza ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafi minn 5 sa 8, l-awtorità amministrattiva għandha tistabbilixxi l-introduzzjoni legali lejn jew l-akkwist fil-Komunità tal-kampjuni li għandhom jiġu (ri)-esportati, fejn meħtieġ b'konsultazzjoni ma' awtorità amministrattiva ta' Stat Membru ieħor.

10. Meta, għall-finijiet tal-paragrafi minn 3 sa 9, awtorità amministrattiva tikkonsulta ma' awtorità amministrattiva ta' Stat Membru ieħor, din tal-aħħar għandha twieġeb fi żmien ġimgħa.

▼M1

Artikolu 26a

Rifjut ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' l-esportazzjoni

L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjonijiet għal permessi ta' l-esportazzjoni għal kavjar u laħam ta' l-ispeċi sturjun (Acipenseriformes spp.) li ġej minn stokk ta' ħut komuni sakemm ikunu stabbiliti kwoti ta' l-esportazzjoni għall-ispeċi f'konformità mal-proċedura approvata mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni.

▼B

Artikolu 27

Dokumenti li għandhom jingħataw mill-(ri-)esportatur lill-uffiċċju doganali

Ir-(ri-)esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jagħti l-permess ta' esportazzjoni oriġinali jew iċ-ċertifikat ta' ri-esportazzjoni (il-formola 1), il-kopja għad-detentur (il-formola 2) u l-kopja biex tingħata lura lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ (il-formola 3) lil xi uffiċċju doganali magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

▼B

Fejn ikun xieraq, ir-(ri-)esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jindika n-numru tal-polza tat-tagħbija jew tat-trasport bl-ajru fil-kaxxa 26.

Artikolu 28

Trattament mill-uffiċċju doganali

L-uffiċċju doganali msemmi fl-Artikolu 27 għandu, wara li jimla l-kaxxa 27, jibgħat lura l-permess ta' esportazzjoni jew iċ-ċertifikat ta' ri-esportazzjoni oriġinali (il-formola 1) u l-kopja għad-detentur (il-formola 2) lir-(ri-)esportatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Il-kopja tal-permess ta' esportazzjoni jew taċ-ċertifikat ta' ri-esportazzjoni li tingħata lura lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ (il-formola 3) għandha tintbagħat skont l-Artikolu 45.

Artikolu 29

Permessi maħruġa minn qabel għal imxietel

Meta, b'konformità mal-linji gwida adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, Stat Membru jirreġistra mxietel li jesportaw kampjuni ta' speċi mnisslin artifiċjalment li huma nklużi fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97, ikun jista' jagħmel permessi ta' esportazzjoni maħruġa minn qabel għal speċi elenkati fl-Annessi A jew B għal dak ir-Regolament disponibbli għall-imxietel ikkonċernati.

Fil-kaxxa 23 ta' dawk il-permessi ta' esportazzjoni maħruġin minn qabel, għandhom jiġu indikati n-numru tar-reġistrazzjoni tal-imxietel, kif ukoll id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Permess validu biss għal pjanti mnisslin artifiċjalment kif definit permezz tar-riżoluzzjoni tal-Konferenza ta' CITES 11.11. (Rev. CoP13). Validu biss għat-*taxa* li ġejjin: …".

KAPITOLU VII

ĊERTIFIKATI TAL-WIRJA LI TIVVJAĠĠA

Artikolu 30

Il-Ħruġ

1. L-Istati Membri jistgħu joħorġu ċertifikati ta' wirja li tivvjaġġa fir-rigward tal-kampjuni miksubin legalment li jifformaw parti minn wirja li tivvjaġġa u li jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) twieldu u trabbew fil-magħluq skont l-Artikoli 54 u 55, jew kienu mnisslin artifiċjalment skont l-Artikolu 56;

(b) kienu nkisbu, jew ġew introdotti fil-Komunità qabel ma d-dispożizzjonijiet relatati mal-ispeċi elenkati fl-Appendiċi I, II jew III għall-Konvenzjoni, jew fl-Anness Ċ għar-Regolament (KEE) Nru 3626/82, jew fl-Annessi A, B u Ċ għar-Regolament (KE) Nru 338/97 saru applikabbli għalihom.

2. Fil-każ ta' annimali ħajjin, ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa għandu jkopri kampjun wieħed biss.

3. Folja ta' kontinwazzjoni għandha tiġi mehmuża maċ-ċertifikat tal-wirja li tivvjaġġa, sabiex tintuża skont l-Artikolu 35.

▼M2

4. Fil-każ ta' kampjuni għajr annimali ħajjin, l-awtorità amministrattiva għandha tehmeż maċ-ċertifikat tal-wirja li tivjaġġa folja tal-inventarju li turi, għal kull kampjun, l-informazzjoni meħtieġa fil-kaxxi 8 sa 18 tal-formola mudell fl-Anness III pprovdut fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012.

▼B

Artikolu 31

L-Użu

Ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa jista' jintuża kif ġej:

(1) bħala permess ta' importazzjoni, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

(2) bħala permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' ri-esportazzjoni, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

▼M1

(3) bħala ċertifikat skond l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għall-għan uniku li jitħallew li jiġu eżibiti l-kampjuni fil-pubbliku għal għanijiet kummerċjali.

▼B

Artikolu 32

L-awtorità tal-ħruġ

1. Meta l-wirja li tivvjaġġa toriġina fil-Komunità, l-awtorità tal-ħruġ għal ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa għandha tkun l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fih toriġina l-wirja li tivvjaġġa.

2. Meta l-wirja li tivvjaġġa toriġina f'pajjiż terz, l-awtorità tal-ħruġ għal ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa għandha tkun l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru tal-ewwel destinazzjoni u l-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat għandu jkun ibbażat fuq l-għoti ta' ċertifikat ekwivalenti, maħruġ minn dak il-pajjiż terz.

3. Meta, waqt waqfa fi Stat Membru, annimal kopert minn ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa jwelled, l-awtorità amministrattiva ta' dak l-Istat Membru għandha tiġi nnotifikata b'dan u għandha toħroġ permess jew ċertifikat, kif xieraq.

Artikolu 33

Rekwiżit għall-kampjuni

1. Meta kampjun ikun kopert minn ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa, iridu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-kampjun għandu jiġi rreġistrat mill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ;

(b) il-kampjun għandu jintbagħat lura lill-Istat Membru fejn ikun irreġistrat qabel id-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat;

(c) il-kampjun għandu jiġi mmarkat b'mod uniku u permanenti, skont l-Artikolu 66 fil-każ ta' annimali ħajjin, jew jiġu identifikati b'mod ieħor b'tali mod li l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru fejn jidħol il-kampjun ikun jista' jivverifika li ċ-ċertifikat jikkorrespondi mal-kampjun li jkun qiegħed jiġi importat jew esportat.

2. Fil-każ ta' ċertifikati ta' wirja li tivvjaġġa maħruġin skont l-Artikolu 32(2), il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu applikabbli. F'dawn il-każijiet, iċ-ċertifikat għandu jinkludi t-test li ġej fil-kaxxa 20:

▼B

"Dan iċ-ċertifikat mhuwiex validu sakemm ma jkunx akkumpanjat minn ċertifikat oriġinali ta' wirja li tivvjaġġa maħruġ minn pajjiż terz."

Artikolu 34

Applikazzjonijiet

1. L-applikant għal ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa għandu, fejn ikun xieraq, jimla l-kaxex 3 u minn 9 sa 18 tal-formola tal-applikazzjoni (il-formola 3) u l-kaxex 3 u minn 9 sa 18 tal-oriġinal u l-kopji kollha.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li għandha timtela biss formola ta' applikazzjoni waħda, f'liema każ tali applikazzjoni tista' tkun għal aktar minn ċertifikat wieħed.

2. Il-formola mimlija kif suppost għandha tintbagħat lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fih jinsabu l-kampjuni, jew fil-każ imsemmi fl-Artikolu 32(2), lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru tal-ewwel destinazzjoni, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa u l-evidenza dokumentata li dik l-awtorità tqis li hija meħtieġa sabiex tippermettilha tiddetermina jekk għandux joħroġ ċertifikat.

Għandha tingħata raġuni għall-ommissjoni tal-informazzjoni mill-applikazzjoni.

3. Meta ssir applikazzjoni għal ċertifikat relatat ma' kampjuni li għalihom applikazzjoni bħal din tkun ġiet miċħuda qabel, l-applikant għandu jinforma lill-awtorità amministrattiva b'dak il-fatt.

Artikolu 35

Dokumenti li għandhom jingħataw mid-detentur lill-uffiċċju doganali

1. Fil-każ ta' ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa maħruġ skont l-Artikolu 32(1), id-detentur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, għal finijiet ta' verifika, jibgħat l-oriġinal ta' dak iċ-ċertifikat (il-formola 1), u l-oriġinal u kopja tal-folja ta' kontinwazzjoni, lil uffiċċju doganali magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

L-uffiċċju doganali għandu, wara li jimla l-folja ta' kontinwazzjoni, jibgħat lura d-dokumenti oriġinali lid-detentur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, japprova l-kopja tal-folja ta' kontinwazzjoni u jibgħat dik il-kopja approvata lill-awtorità amministrattiva rilevanti skont l-Artikolu 45.

2. Fil-każ ta' ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa maħruġ skont l-Artikolu 32(2), il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika, għajr li d-detentur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jibgħat ukoll iċ-ċertifikat oriġinali u l-folja ta' kontinwazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz għal finijiet ta' verifika.

L-uffiċċju doganali għandu, wara li jimla l-folji ta' kontinwazzjoni, jibgħat lura ċ-ċertifikati oriġinali tal-wirja li tivvjaġġa u l-folji ta' kontinwazzjoni lill-importatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu u jibgħat kopja approvata tal-folja ta' kontinwazzjoni taċ-ċertifikat maħruġ mill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru lil dik l-awtorità skont l-Artikolu 45.

Artikolu 36

Sostituzzjoni

Ċertifikat ta' wirja li tivvjaġġa li jkun intilef, insteraq jew inqered jista' jiġi ssostitwit biss mill-awtorità li tkun ħarġitu.

▼M1

Id-dokument ta' sostituzzjoni għandu jkollu l-istess numru, jekk ikun possibbli, u l-istess data ta' validità bħad-dokument oriġinali, u fil-kaxxa 20 għandu jinkludi waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

"Dan iċ-ċertifikat huwa kopja vera ta' l-oriġinali" jew "Dan iċ-ċertifikat jikkanċella u jissostitwixxi l-oriġinali bin-numru xxxx maħruġ fi xx/xx/xxxx".

▼B

"Dan iċ-ċertifikat huwa kopja vera tal-oriġinal."

KAPITOLU VIII

ĊERTIFIKAT TA' PROPRJETÀ PERSONALI

Artikolu 37

Il-Ħruġ

▼M2

1. L-Istati Membri jistgħu joħorġu ċertifikati ta' proprjetà personali lis-sid legali tal-annimali ħajjin miksuba legalment, miżmuma għal għanijiet personali u mhux kummerċjali.

▼B

2. Ċertifikat ta' proprjetà personali għandu jkopri kampjun wieħed biss.

3. Folja ta' kontinwazzjoni għandha tiġi mehmuża maċ-ċertifikat sabiex tintuża skont l-Artikolu 42.

Artikolu 38

L-Użu

Diment li l-kampjun kopert minn ċertifikat ta' proprjetà personali jkun akkumpanjat mill-proprjetarju legali tiegħu, iċ-ċertifikat jista' jintuża kif ġej:

(1) bħala permess ta' importazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

(2) bħala permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' ri-esportazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, meta l-pajjiż destinatarju jaqbel ma' dan.

Artikolu 39

L-awtorità tal-ħruġ

1. Meta l-kampjun joriġina fil-Komunità, l-awtorità tal-ħruġ għal ċertifikat ta' proprjetà personali għandha tkun l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab il-kampjun.

2. Meta l-kampjun jiġi introdott minn pajjiż terz, l-awtorità tal-ħruġ għal ċertifikat ta' proprjetà personali għandha tkun l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru tal-ewwel destinazzjoni u l-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat għandu jkun ibbażat fuq l-għoti ta' dokument ekwivalenti, maħruġ minn dak il-pajjiż terz.

▼B

3. Iċ-ċertifikat ta' proprjetà personali għandu jinkludi t-test li ġej fil-kaxxa 23 jew f'anness xieraq għaċ-ċertifikat:

"Validu għal movimenti transkonfinali multipli fejn il-kampjun ikun akkumpanjat mill-proprjetarju tiegħu. Il-proprjetarju legali għandu jżomm il-formola oriġinali."

Il-kampjun kopert minn dan iċ-ċertifikat ma jistax jinbiegħ jew jiġi trasferit b'mod ieħor għajr b'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006. Dan iċ-ċertifikat mhuwiex trasferibbli. Jekk il-kampjun imut, jinsteraq, jinqered jew jintilef, jew jekk jinbiegħ jew il-proprjetà tiegħu tiġi trasferita b'mod ieħor, dan iċ-ċertifikat għandu jintradd lura minnufih lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ.

Dan iċ-ċertifikat mhuwiex validu sakemm ma jkunx akkumpanjat minn folja ta' kontinwazzjoni, li għandha tiġi ttimbrata u ffirmata minn uffiċjal tad-dwana f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera.

Dan iċ-ċertifikat ma għandu b'ebda mod jaffettwa d-dritt li jiġu adottati miżuri nazzjonali aktar stretti fir-rigward tar-restrizzjonijiet jew il-kundizzjonijiet għaż-żamma ta' annimali ħajjin.

4. Meta, waqt waqfa fi Stat Membru, annimal kopert minn ċertifikat ta' proprjetà personali jwelled, l-awtorità amministrattiva ta' dak l-Istat Membru għandha tiġi nnotifikata b'dan u għandha toħroġ permess jew ċertifikat, kif xieraq.

Artikolu 40

Rekwiżiti għall-kampjuni

1. Meta kampjun ikun kopert minn ċertifikat ta' proprjetà personali, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-kampjun għandu jiġi rreġistrat mill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fih il-proprjetarju għandu r-residenza tas-soltu tiegħu;

(b) il-kampjun għandu jiġi rritornat lill-Istat Membru li fih ikun ġie rreġistrat qabel id-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat;

(c) il-kampjun ma jistax jintuża għal skopijiet kummerċjali għajr soġġett għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 43;

(d) il-kampjun għandu jiġi mmarkat b'mod uniku u permanenti skont l-Artikolu 66.

2. Fil-każ ta' ċertifikati ta' proprjetà personali maħruġa skont l-Artikolu 39(2), il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu applikabbli.

F'dawn il-każijiet, iċ-ċertifikat għandu jinkludi t-test li ġej fil-kaxxa 23:

"Dan iċ-ċertifikat mhuwiex validu sakemm ma jkunx akkumpanjat minn ċertifikat oriġinali ta' proprjetà personali maħruġ minn pajjiż terz u sakemm il-kampjun li miegħu jkun relatat ma jkunx akkumpanjat mill-proprjetarju tiegħu."

Artikolu 41

L-applikazzjonijiet

1. L-applikant għal ċertifikat ta' proprjetà personali għandu, fejn ikun xieraq, jimla l-kaxex 1, 4 u minn 6 sa 23 tal-formola tal-applikazzjoni u l-kaxex 1, 4 u minn 6 sa 22 tal-oriġinal u l-kopji kollha.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddisponu li għandha timtela biss formola ta' applikazzjoni, f'liema każ tali applikazzjoni tista' tkun għal aktar minn ċertifikat wieħed.

▼B

2. Il-formola mimlija kif suppost għandha tintbagħat lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fih jinsabu l-kampjuni, jew fil-każ imsemmi fl-Artikolu 39(2), lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru tal-ewwel destinazzjoni, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa u l-evidenza dokumentata li dik l-awtorità tikkunsidra bħala meħtieġa sabiex tippermettilha tiddetermina jekk għandux joħroġ ċertifikat.

Għandha tingħata raġuni għall-ommissjoni tal-informazzjoni mill-applikazzjoni.

Meta ssir applikazzjoni għal ċertifikat relatat ma' kampjuni li għalihom applikazzjoni bħal din tkun ġiet miċħuda qabel, l-applikant għandu jinforma lill-awtorità amministrattiva b'dak il-fatt.

Artikolu 42

Dokumenti li għandhom jingħataw mid-detentur lill-uffiċċju doganali

1. Fil-każ tal-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni ta' kampjun kopert minn ċertifikat ta' proprjetà personali maħruġ skont l-Artikolu 39(1), id-detentur taċ-ċertifikat għandu, għal finijiet ta' verifika, jibgħat l-oriġinal ta' dak iċ-ċertifikat (il-formola 1), u l-oriġinal u kopja tal-folja ta' kontinwazzjoni, lil uffiċċju doganali magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

L-uffiċċju doganali għandu, wara li jimla l-folja ta' kontinwazzjoni, jibgħat lura d-dokumenti oriġinali lid-detentur, japprova l-kopja tal-folja ta' kontinwazzjoni u jibgħat dik il-kopja approvata lill-awtorità amministrattiva rilevanti skont l-Artikolu 45 ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali maħruġ skont l-Artikolu 39(2), il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika, għajr li d-detentur għandu jibgħat ukoll iċ-ċertifikat oriġinali maħruġ mill-pajjiż terz għal finijiet ta' verifika.

L-uffiċċju doganali għandu, wara li jimla ż-żewġ folji ta' kontinwazzjoni, jibgħat lura d-dokumenti oriġinali lid-detentur u jibgħat kopja approvata tal-folja ta' kontinwazzjoni taċ-ċertifikat maħruġ mill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru lil dik l-awtorità skont l-Artikolu 45.

Artikolu 43

Il-bejgħ ta' kampjuni koperti

Meta d-detentur ta' ċertifikat ta' proprjetà personali maħruġ skont l-Artikolu 39(1) ta' dan ir-Regolament juri x-xewqa li jbigħ il-kampjun, huwa għandu l-ewwel jibgħat iċ-ċertifikat lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ u, meta l-kampjun ikun jappartjeni għal speċi elenkata fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97, għandu japplika mal-awtorità kompetenti għal ċertifikat skont l-Artikolu 8(3) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 44

Sostituzzjoni

Ċertifikat ta' proprjetà personali li jkun intilef, insteraq jew inqered jista' jiġi ssostitwit biss mill-awtorità li tkun ħarġitu.

▼M1

Id-dokument ta' sostituzzjoni għandu jkollu l-istess numru, jekk ikun possibbli, u l-istess data ta' validità bħad-dokument oriġinali, u fil-kaxxa 23 għandu jinkludi waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

"Dan iċ-ċertifikat huwa kopja vera ta' l-oriġinali" jew "Dan iċ-ċertifikat jikkanċella u jissostitwixxi l-oriġinali bin-numru xxxx maħruġ fi xx/xx/xxxx".

KAPITOLU VIIIa

ĊERTIFIKATI TAL-KOLLEZZJONIJIET TAL-KAMPJUNI

Artikolu 44a

Ħruġ

L-Istati Membri jistgħu joħorġu ċertifikati tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni sakemm il-kollezzjoni tkun koperta permezz ta' carnet ATA validu u jinkludi kampjuni, partijiet jew derivattivi ta' speċijiet elenkati fl-Annessi A, B jew Ċ tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

Għall-finijiet ta' l-ewwel paragrafu, il-kampjuni, partijiet jew derivattivi ta' speċijiet elenkati fl-Anness A għandhom jikkonformaw mal-Kapitolu XIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 44b

Użu

Sakemm il-kollezzjonijiet ta' kampjuni kopert minn ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni jkun akkumpanjat b'carnet ATA validu, jista' jintuża ċertifikat, maħruġ skond l-Artikolu 44a, kif ġej:

(1) bħala permess ta' importazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

(2) bħala ċertifikat ta' permess ta' esportazzjoni jew esportazzjoni mill-ġdid skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, meta l-pajjiż destinatarju jagħraf u jippermetti l-użu tal-carnets ATA.

(3) bħala ċertifikat skond l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għall-għan uniku li jitħallew li jiġu eżibiti l-kampjuni fil-pubbliku għal għanijiet kummerċjali.

Artikolu 44ċ

Awtorità emittenti

1. Meta l-kollezzjoni ta' kampjuni jkollha l-oriġini fil-Komunità, l-awtorità emittenti taċ-ċertifikat tal-kollezzjonijiet tal-kampjuni għandha tkun l-awtorità ta' ġestjoni ta' l-Istat Membru li fiha toriġina l-kollezzjoni tal-kampjuni.

2. Meta l-kollezzjoni ta' kampjuni toriġina f'pajjiż terz, l-awtorità li toħroġ ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni għandha tkun l-awtorità ta' ġestjoni ta' l-Istat Membru ta' l-ewwel destinazzjoni, u l-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat għandu jkun ibbażat fuq il-preżentazzjoni ta' dokument ekwivalenti, maħruġ minn dak il-pajjiż terz.

▼M1

Artikolu 44d

Rekwiżiti

1. Kollezzjoni ta' kampjuni koperta minn ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni għandha tiġi impurtata mill-ġdid fil-Komunità qabel id-data ta' skadenza taċ-ċertifikat.

2. Il-kampjuni koperti biċ-ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni ma għandux jinbigħ jew jiġi trasferit mod ieħor waqt li jkun barra t-territorju ta' l-Istat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat.

3. Ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni mhuwiex trasferibbli. Jekk il-kampjuni koperti b'ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni jintilfu, jinsterqu, jew jinqerdu, l-awtorità ta' ġestjoni emittenti minnufih għandha tinforma b'dan lill-awtorità ta' ġestjoni tal-pajjiż fejn dan il-fatt ikun seħħ.

4. Iċ-ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni għandu jindika li d-dokument huwa għal "oħrajn: Kollezzjoni ta' Kampjuni" u fil-kaxxa 23 għandu jinkludi in-numru tal-carnet ATA meħmuż.

Fil-kaxxa 23 f'Anness xieraq għaċ-ċertifikat għandu jiġi inkluż dan it-test li ġej:

"Għall-kollezzjoni ta' kampjuni akkumpanjata bil-carnet ATA Nru: xxx

Dan iċ-ċertifikat ikopri kollezzjoni ta' kampjuni u mhuwiex validu sakemm ma jkunx akkumpanjat b'carnet ATA validu. Dan iċ-ċertifikat mhuwiex trasferibbli. Il-kampjuni koperti b'dan iċ-ċertifikat ma għandhomx jinbiegħu jew jiġu trasferiti mod ieħor waqt li jkunu barra t-territorju ta' l-Istat li jkun ħareġ dan iċ-ċertifikat. Dan iċ-ċertifikat jista' jintuża għall-esportazzjoni (mill-ġdid) mill-[indika l-pajjiż ta' esportazzjoni (mill-ġdid) via [indika l-pajjiżi fejn għandha ssir iż-żjara] għal għanijiet ta' preżentazzjoni u importazzjoni lura għal [indika l-pajjiż ta' l-esportazzjoni (mill-ġdid)]."

5. Fil-każ ta' ċertifikati tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni maħruġa skond l-Artikolu 44ċ(2), ma għandhomx japplikaw il-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu. F'każijiet bħal dawn, iċ-ċertifikati għandhom, fil-kaxxa 23, jinkludu d-dikjarazzjoni li ġejja:

"Dan iċ-ċertifikat mhuwiex validu sakemm ma jkunx akkumpanjat minn dokument oriġinali tas-CITES maħruġ minn pajjiż terz skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni."

Artikolu 44e

Applikazzjonijiet

1. L-applikant għall-ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni għandu, fejn indikat, jimla l-kaxxi 1, 3, 4, u 7 sa 23 tal-formola ta' l-applikazzjoni u l-kaxxi 1, 3, 4, u 7 sa 22 ta' l-oriġinali u tal-kopji kollha. Id-daħliet fil-kaxxa 1 u 3 għandhom ikunu identiċi. Il-lista ta' pajjiżi li trid ssirilhom żjara għandhom jiġu indikati fil-kaxxa 23.

L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jipprovdu li għandha timtela' formola ta' applikazzjoni waħda biss.

▼M1

2. Il-formola mimlija kif jixraq trid tintbagħat lill-awtorità ta' ġestjoni ta' l-Istat Membru fejn ikunu qegħdin il-kampjuni, jew fil-każ msemmi fl-Artikolu 44c(2), lill-awtorità ta' ġestjoni ta' l-Istat Membru li fiha toriġina l-kollezzjoni ta' kampjuni ta' l-ewwel destinazzjoni, flimkien ma' l-informazzjoni meħtieġa u l-evidenza dokumentata li dik l-awtorità tqis li huma meħtieġa sabiex tkun tista' tiddetermina jekk għandux jinħareġ ċertifikat.

L-ommissjoni ta' informazzjoni mill-applikazzjoni trid tkun ġustifikata.

3. Meta ssir applikazzjoni għal ċertifikat dwar kampjuni li għalihom din l-applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata qabel, l-applikant irid jinforma l-awtorità ta' ġestjoni b'dan il-fatt.

Artikolu 44f

Id-dokumenti li jridu jingħataw mid-detentur lill-uffiċċju doganali

1. Fil-każ ta' ċertifikati tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni maħruġa skond l-Artikolu 44ċ(1), id-detentur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, għall-għanijiet ta' verifika jagħti l-oriġinal (formola 1), u kopja ta' dak iċ-ċertifikat, u fejn huwa xieraq il-kopja għad-detentur (formola 2) u l-kopja biex tingħata lura lill-awtorità ta' ġestjoni emittenti (formola 3) kif ukoll l-oriġinali tal-carnet ATA validu lil xi uffiċċju doganali indikat skond l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

L-uffiċju doganali għandu, wara li jiġi pproċessat il-carnet ATA skond ir-regoli doganali li hemm fir-Regolament (KE) Nru 2454/93, jekk meħtieġ, wara li jiddaħħal in-numru tal-carnet ATA fl-oriġinali u kopja ta' ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni, jibgħat lura d-dokumenti oriġinali lid-dententur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, japprova kopja taċ-ċertifikat tal-kollezzjonijiet tal-kampjuni u jagħti dik il-kopja approvata lill-awtorità ta' ġestjoni rilevanti skond l-Artikolu 45.

Madankollu, fi żmien l-ewwel esportazzjoni mill-Komunità, l-uffiċċju doganali għandu, wara li jimla l-kaxxa 27, jibgħat lura iċ-ċertifikat oriġinali tal-kollezzjonijiet tal-kampjuni (formola 1) u l-kopja għad-detentur (formola 2) lid-detentur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, u jibgħat il-kopja biex tintbagħat lura lill-awtorità ta' ġestjoni emittenti (formola 3) skond l-Artikolu 45.

2. Fil-każ ta' ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni maħruġ skond l-Artikolu 44ċ(2), għandu japplika l-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu, ħlief li d-detentur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jippreżentaw għal finijiet ta' verifika, iċ-ċertifikat oriġinali maħruġ minn pajjiż terz.

Artikolu 44ġ

Sostituzzjoni

Ċertifikat tal-kollezzjonijiet ta' kampjuni li jkun intilef, insteraq, jew inqered jista' jiġi sostitwit biss mill-awtorità li tkun ħarġitu.

Id-dokument ta' sostituzzjoni għandu jkollu l-istess numru, jekk possibbli, u l-istess data ta' validità tad-dokument oriġinali, u għandu jinkludi, fil-kaxxa 23, waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

"Dan iċ-ċertifikat huwa kopja vera ta' l-oriġinali" jew "Dan iċ-ċertifikat jikkanċella u jissostitwixxi l-oriġinali bin-numru xxxx maħruġ fi xx/xx/xxxx".

▼M6

KAPITOLU VIIIb

ĊERTIFIKAT TA' STRUMENT MUŻIKALI

Artikolu 44h

Ħruġ

1. L-Istati Membri jistgħu joħorġu ċertifikat ta' strument mużikali għal moviment transkonfinali mhux kummerċjali ta' strumenti mużikali għal finijiet li jinkludu, iżda mhux limitati għal, użu personali, il-prestazzjoni, il-produzzjoni (reġistrazzjonijiet), xandir, tagħlim, wiri jew kompetizzjoni, fejn dawn l-istrumenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ikunu ġejjin minn speċi elenkati fl-Annessi A, B jew Ċ tar-Regolament (KE) Nru 338/97, minbarra eżemplari ta' speċi elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li jkunu nkisbu wara li l-ispeċi ġiet inkluża fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni;

(b) il-kampjun użat fil-manifattura tal-istrument mużikali ġie akkwistat b'mod legali;

(c) l-istrument mużikali jiġi identifikat kif xieraq.

2. Folja ta' kontinwazzjoni għandha tiġi mehmuża maċ-ċertifikat sabiex tintuża skont l-Artikolu 44 m.

Artikolu 44i

Użu

Iċ-ċertifikat jista' jintuża f'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) bħala permess ta' importazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

(b) bħala permess ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

Artikolu 44j

Awtorità emittenti

1. L-awtorità ta' ġestjoni tal-Istat tar-residenza tas-soltu tal-applikant għandha tkun l-awtorità emittenti għal ċertifikat ta' strument mużikali.

2. Iċ-ċertifikat ta' strument mużikali għandu jinkludi t-test li ġej fil-kaxxa 23 jew f'anness xieraq għaċ-ċertifikat:

> "Validu għal movimenti transkonfinali multipli. L-oriġinal għandu jinżamm mid-detentur.
>
> L-istrument mużikali kopert minn dan iċ-ċertifikat, li jippermetti diversi movimenti transkonfinali, huwa għal użu mhux kummerċjali għal skopijiet inklużi, iżda mhux limitati għal, użu personali, il-prestazzjoni, il-produzzjoni (reġistrazzjonijiet), xandir, tagħlim, wiri jew kompetizzjoni. L-istrument mużikali kopert b'dan iċ-ċertifikat ma jistax jinbiegħ u l-pussess tiegħu ma jistax jiġi ttrasferit waqt li huwa barra mill-Istat li fih inħareġ iċ-ċertifikat.

▼M6

Dan iċ-ċertifikat irid jintbagħat lura lill-awtorità ta' ġestjoni tal-Istat li jkun ħareġ iċ-ċertifikat qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat mhuwiex validu sakemm ma jkunx akkumpanjat minn folja ta' kontinwazzjoni, li għandha tiġi ttimbrata u ffirmata minn uffiċjal tad-dwana f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera.”.

Artikolu 44k

Rekwiżiti għall-kampjuni

Meta kampjun ikun kopert minn ċertifikat ta' strument mużikali, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istrument mużikali jrid jiġi rreġistrat mill-awtorità amministrattiva emittenti;

(b) l-istrument mużikali jrid jiġi rritornat lill-Istat Membru li fih ikun ġie rreġistrat qabel id-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat;

(c) il-kampjun ma jistax jinbiegħ u l-pussess tiegħu ma jistax jiġi ttrasferit waqt li jkun barra mill-Istat tar-residenza tas-soltu tal-applikant għajr soġġett għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 44n;

(d) l-istrument mużikali jrid jiġi identifikat kif xieraq.

Artikolu 44l

Applikazzjonijiet

1. Applikant għal ċertifikat ta' strument mużikali għandu jipprovdi informazzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 44h u 44k u, fejn xieraq, jimla l-kaxex 1, 4 u minn 7 sa 23 tal-formola tal-applikazzjoni u l-kaxex 1, 4 u minn 7 sa 22 tal-oriġinali u l-kopji kollha taċ-ċertifikat.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li għandha timtela biss formola ta' applikazzjoni, f'liema każ tali applikazzjoni tista' tkun għal aktar minn ċertifikat wieħed.

2. L-applikazzjoni mimlija kif xieraq għandha tintbagħat lill-awtorità ta' ġestjoni tal-Istat Membru ta' residenza tas-soltu tal-applikant, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa u l-evidenza dokumentata li dik l-awtorità tikkunsidra bħala meħtieġa sabiex tkun tista' tiddetermina jekk ċertifikat għandux joħroġ.

Trid tingħata raġuni għal ommissjoni ta' informazzjoni mill-applikazzjoni.

3. Meta ssir applikazzjoni għal ċertifikat relatat ma' kampjuni li għalihom applikazzjoni bħal din tkun ġiet miċħuda qabel, l-applikant għandu jinforma lill-awtorità ta' ġestjoni b'dan il-fatt.

▼M6

Artikolu 44m

Dokumenti li għandhom jingħataw mid-detentur lill-uffiċċju doganali

Fil-każ tal-introduzzjoni fl-Unjoni, tal-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-esportazzjoni mill-ġdid ta' kampjun kopert minn ċertifikat ta' strument mużikali maħruġ skont l-Artikolu 44j, id-detentur taċ-ċertifikat, għal finijiet ta' verifika għandu jibgħat l-oriġinal ta' dak iċ-ċertifikat u l-oriġinal u kopja tal-folja ta' kontinwazzjoni, lil uffiċċju doganali magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

L-uffiċċju doganali, wara li jimla l-folja ta' kontinwazzjoni, għandu jibgħat lura d-dokumenti oriġinali lid-detentur, japprova l-kopja tal-folja ta' kontinwazzjoni u jibgħat dik il-kopja approvata lill-awtorità ta' ġestjoni rilevanti skont l-Artikolu 45.

Artikolu 44n

Il-bejgħ ta' kampjuni koperti

Meta d-detentur ta' ċertifikat ta' proprjetà personali maħruġ skont l-Artikolu 44j ta' dan ir-Regolament juri x-xewqa li jbiegħ il-kampjun, huwa għandu l-ewwel jibgħat iċ-ċertifikat lill-awtorità ta' ġestjoni emittenti u, meta l-kampjun ikun jappartjeni għal speċi elenkata fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 338/97, għandu japplika mal-awtorità kompetenti għal ċertifikat skont l-Artikolu 8(3) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 44o

Sostituzzjoni

Ċertifikat ta' strument mużikali li jkun intilef, insteraq jew inqered jista' jiġi sostitwit biss mill-awtorità li tkun ħarġitu.

Id-dokument ta' sostituzzjoni għandu jkollu l-istess numru, jekk possibbli, u l-istess data ta' validità tad-dokument oriġinali, u fil-kaxxa 23 għandu jinkludi waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

"Dan iċ-ċertifikat huwa kopja vera tal-oriġinali.", jew "Dan iċ-ċertifikat jikkanċella u jissostitwixxi l-oriġinal bin-numru xxxx maħruġ fi xx/xx/xxxx."

Artikolu 44p

Introduzzjoni ta' strumenti mużikali fl-Unjoni permezz ta' ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi

L-introduzzjoni fl-Unjoni ta' strument mużikali ma għandhiex teħtieġ il-preżentazzjoni ta' permess ta' importazzjoni jew permess ta' dokument ta' esportazzjoni sakemm huwa kopert minn ċertifikat ta' strument mużikali maħruġ minn pajjiż terz taħt kundizzjonijiet simili għal dawk stipulati fl-Artikoli 44h u 44j. L-esportazzjoni mill-ġdid ta' dak l-istrument mużikali ma għandhiex teħtieġ il-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid.

▼B

KAPITOLU IX

PROĊEDURA DOGANALI

Artikolu 45

Il-preżentazzjoni ta' dokumenti ppreżentati lill-uffiċċji doganali

1. L-uffiċċji doganali għandhom jibagħtu mingħajr dewmien lill-awtorità amministrattiva rilevanti tal-Istat Membru tagħhom id-dokumenti kollha li jkunu ġew ippreżentati lilhom skont ir-Regolament (KE) Nru 338/97 u dan ir-Regolament.

▼M2

Awtoritajiet amministrattivi li jirċievu dawn id-dokumenti għandhom mingħajr dewmien jgħaddu dawk maħruġa minn Stati Membri oħra lill-awtoritajiet amministrattivi relevanti, flimkien ma' kull dokument ta' appoġġ maħruġ skont il-Konvenzjoni. Għal raġunijiet ta' rappurtar, in-notifikazzjonijiet tal-importazzjoni oriġinali għandhom ukoll jgħaddu għand l-awtoritajiet amminstrattivi tal-pajjiż tal-importazzjoni, meta dan ikun differenti mill-pajjiż fejn il-kampjun jkun ġie introdott fl-Unjoni.

▼B

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-uffiċċji doganali jistgħu jikkonfermaw il-preżentazzjoni tad-dokumenti maħruġa mill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru tagħhom f'forma elettronika.

KAPITOLU X

ĊERTIFIKATI PREVISTI FL-ARTIKOLI 5(2)(b), 5(3), 5(4), 8(3) U 9(2)(b) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 338/97

Artikolu 46

L-awtorità tal-ħruġ

Iċ-ċertifikati previsti fl-Artikoli 5(2)(b), 5(3), 5(4), 8(3) u 9(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jistgħu jinħarġu mill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fih jinsabu l-kampjuni, mar-riċeviment ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 47

Ċertifikati previsti fl-Artikolu 5(2)(b), (3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 (ċertifikati meħtieġa għall-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni)

Iċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 5(2)(b), (3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandhom jindikaw liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw fil-każ tal-kampjuni koperti:

(1) ittieħdu mill-ambjent naturali tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-oriġini;

(2) kienu ġew abbandunati jew ħarbu u ġew irkuprati skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn sar l-irkupru;

(3) inkisbu jew ġew introdotti fil-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 338/97;

(4) inkisbu jew ġew introdotti fil-Komunità qabel l-1 ta' Ġunju 1997 skont ir-Regolament (KEE) Nru 3626/82;

(5) inkisbu jew ġew introdotti fil-Komunità qabel l-1 ta' Jannar 1984 skont il-Konvenzjoni;

▼B

(6) inkisbu jew ġew introdotti fit-territorju ta' Stat Membru qabel ma r-Regolamenti msemmijin fil-punti (3) jew (4) jew fil-Konvenzjoni saru applikabbli għalihom, jew saru applikabbli f'dak l-Istat Membru.

Artikolu 48

Ċertifikat previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 (ċertifikat għal użu kummerċjali)

1. Ċertifikat għall-għanijiet tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandu jiddikjara li l-kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness A tiegħu huma eżentati minn waħda jew aktar mill-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) inkisbu jew kienu introdotti fil-Komunità qabel ma d-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-ispeċi elenkati fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97, jew fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni, jew fl-Anness Ċ1 għar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 saru applikabbli għalihom;

(b) joriġinaw minn Stat Membru u ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru;

(c) huma, jew huma partijiet minn, jew huma derivati minn annimali mwielda u mrobbija fil-magħluq;

(d) huma awtorizzati biex jintużaw għal wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8(3)(c) u minn (e) sa (g) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

2. L-awtorità amministrattiva kompetenti ta' Stat Membru tista' tqis permess ta' importazzjoni aċċettabbli bħala ċertifikat għall-għanijiet tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 mal-preżentazzjoni tal-"kopja għad-detentur" (il-formola 2), jekk dik il-formola tiddikjara li, kif previst fl-Artikolu 8(3) tiegħu, il-kampjuni huma eżentati minn waħda jew aktar mill-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 49

Ċertifikat previst fl-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 (ċertifikat għall-moviment ta' kampjuni ħajjin)

Ċertifikat għall-għanijiet tal-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandu jiddikjara li l-moviment ta' kampjuni ħajjin ta' xi speċi elenkata fl-Anness A tiegħu, mill-post preskritt indikat fil-permess ta' importazzjoni, jew f'xi ċertifikat maħruġ qabel, huwa awtorizzat.

Artikolu 50

Applikazzjoni għaċ-ċertifikati previsti fl-Artikoli 5(2)(b), 5(3), 5(4), 8(3) u 9(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 338/97

1. L-applikant għaċ-ċertifikati previsti fl-Artikoli 5(2)(b), 5(3), 5(4), 8(3) u 9(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandu, fejn ikun xieraq, jimla l-kaxex 1, 2 u minn 4 sa 19 tal-formola tal-applikazzjoni u l-kaxex 1 u minn 4 sa 18 tal-oriġinal u l-kopji kollha.

▼B

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li għandha timtela biss formola ta' applikazzjoni, f'liema każ tali applikazzjoni tista' tkun għal aktar minn ċertifikat wieħed.

2. Il-formola mimlija kif suppost għandha tintbagħat lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li fih jinsabu l-kampjuni, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa u l-evidenza dokumentata li dik l-awtorità tikkunsidra bħala meħtieġa sabiex tippermettilha tiddetermina jekk għandux joħroġ ċertifikat.

Għandha tingħata raġuni għall-ommissjoni tal-informazzjoni mill-applikazzjoni.

Meta ssir applikazzjoni għal ċertifikat relatat ma' kampjuni li għalihom applikazzjoni bħal din tkun ġiet miċħuda qabel, l-applikant għandu jinforma lill-awtorità amministrattiva b'dan il-fatt.

Artikolu 51

Emendi fil-permessi, in-notifiki u ċ-ċertifikati

1. Meta tagħbija bil-baħar li tkun koperta b'"kopja għad-detentur" (il-formola 2) ta' permess ta' importazzjoni, jew "kopja għall-importatur" (il-formola 2) ta' notifika ta' importazzjoni, jew ċertifikat, tinqasam, jew meta, għal raġunijiet oħrajn, l-entrati f'dan id-dokument ma jibqgħux jirriflettu s-sitwazzjoni attwali, l-awtorità amministrattiva tista' tieħu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) tista' tagħmel l-emendi meħtieġa f'dawk id-dokumenti skont l-Artikolu 4(2).

(b) tista' toħroġ ċertifikat wieħed jew aktar korrispondenti għall-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 47 u 48.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-awtorità amministrattiva għandha l-ewwel tistabbilixxi l-validità tad-dokument li jrid jinbidel, fejn meħtieġ b'konsultazzjoni mal-awtorità amministrattiva ta' Stat Membru ieħor.

2. Meta jinħarġu ċertifikati sabiex jissostitwixxu "kopja għad-detentur" (il-formola 2) ta' permess ta' importazzjoni, "kopja għall-importatur" (il-formola 2) ta' notifika ta' importazzjoni, jew ċertifikat maħruġ minn qabel, dak id-dokument għandu jinżamm mill-awtorità amministrattiva li toħroġ iċ-ċertifikat.

3. Permess, notifika jew ċertifikat li jkun intilef, insteraq, jew inqered jista' jiġi sostitwit biss mill-awtorità li tkun ħarġitu.

4. Meta, għall-għanijiet tal-paragrafu 1, awtorità amministrattiva tikkonsulta awtorità amministrattiva ta' Stat Membru ieħor, din tal-aħħar għandha twieġeb fi żmien ġimgħa.

KAPITOLU XI

TIKKETTI

Artikolu 52

L-użu tat-tikketti

▼M2

1. It-tikketti msemmijin fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 għandhom jintużaw biss għal ċaqliq bejn xjentisti rreġistrati kif xieraq u istituzzjonijiet xjentifiċi, ta' self mhux kummerċjali, donazzjonijiet u skambji ta' eżemplari tal-erbarji, eżemplari tal-mużewijiet preżervati, imnixxfa jew ingastati, u materjal ħaj ta' pjanti għall-istudju xjentifiku.

▼B

2. Għandu jiġi attribwit numru tar-reġistrazzjoni lix-xjenzati u lill-istituzzjonijiet xjentifiċi msemmija fil-paragrafu 1 mill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu.

Dak in-numru tar-reġistrazzjoni għandu jkollu ħames ċifri diġitali, bl-ewwel tnejn ikunu ż-żewġ ittri tal-kodiċi ISO tal-pajjiż għall-Istat Membru kkonċernat u l-aħħar tlieta jkunu numru uniku assenjat lil kull istituzzjoni mill-awtorità amministrattiva kompetenti.

3. Ix-xjenzati u l-istituzzjonijiet xjentifiċi kkonċernati għandhom jimlew il-kaxex minn 1 sa 5 tat-tikketta u, mar-radd lura tal-parti tat-tikketta pprovduta għal dak il-għan, għandhom jinformaw minnufih lill-awtorità amministrattiva li jkunu rreġistrati magħha bid-dettalji kollha dwar l-użu ta' kull tikketta.

KAPITOLU XII

DEROGI MINN PROĊEDURI DOGANALI KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(7) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 338/97

Artikolu 53

Uffiċċji doganali differenti mill-uffiċċju doganali tal-fruntiera fil-punt tal-introduzzjoni

1. Meta merkanzija li sejra tiġi introdotta fil-Komunità tasal f'uffiċċju doganali tal-fruntiera bil-baħar, bl-ajru, jew bil-ferrovija biex tintbagħat bl-istess mezz ta' trasport, u mingħajr ħażna intermedjarja, lejn xi uffiċċju doganali ieħor fil-Komunità magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, it-twettiq kollu tal-ispezzjonijiet u l-preżentazzjoni tad-dokumenti tal-importazzjoni għandhom isiru f'dan l-uffiċċju tal-aħħar.

2. Meta merkanzija tkun ġiet spezzjonata f'xi uffiċċju doganali magħżul skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u tintbagħat f'uffiċċju doganali ieħor għal kwalunkwe proċedura doganali sussegwenti, dan tal-aħħar għandu jitlob il-preżentazzjoni tal-"kopja tad-detentur" (il-formola 2) ta' permess tal-importazzjoni, mimlija skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament, jew il-"kopja għall-importatur" (il-formola 2) ta' notifika ta' importazzjoni, mimlija skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament, u jista' jwettaq kull spezzjoni li jkun jidhirlu li hija meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 338/97 u ma' dan ir-Regolament.

KAPITOLU XIII

KAMPJUNI MWIELDA U MROBBIJA FIL-MAGĦLUQ U KAMPJUNI MNISSLIN ARTIFIĊJALMENT

Artikolu 54

Kampjuni ta' speċi ta' annimali mwielda u mrobbija fil-magħluq

Bla ħsara għall-Artikolu 55, kampjun ta' speċi ta' annimal għandu jitqies biss bħala li twieled u trabba fil-magħluq jekk awtorità amministrattiva kompetenti, b'konsultazzjoni ma' awtorità xjentifika kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, tkun issodisfata li jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) il-kampjun huwa, jew huwa derivat minn, nisel imwieled jew prodott mod ieħor f'ambjent ikkontrollat ta' waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) ġenituri li tgħammru jew kellhom gameti trasferiti b'mod ieħor f'ambjent ikkontrollat, jekk ir-riproduzzjoni hija sesswali;

   (b) ġenituri li kienu f'ambjent ikkontrollat meta beda l-iżvilupp tan-nisel, jekk ir-riproduzzjoni hija asesswali;

▼B

(2) il-ħażna għat-trobbija ġiet stabbilita skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli għaliha waqt l-akkwist u b'mod li ma tkunx detrimentali għas-sopravivenza tal-ispeċi kkonċernati fl-ambjent naturali tagħhom;

(3) il-ħażna għat-trobbija tinżamm mingħajr l-introduzzjoni ta' kampjuni mill-ambjent naturali, għajr għaż-żieda okkażjonali ta' annimali, bajd jew gameti, skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli u b'mod mhux detrimentali għas-sopravivenza tal-ispeċi kkonċernati fl-ambjent naturali tagħhom, esklussivament għal wieħed jew aktar mill-għanijiet li ġejjin:

(a) sabiex ma jitħalliex jew jitnaqqas l-effett ta' ħsara li jġib miegħu it-tgħammir fl-istess familji, waqt li l-kobor ta' żieda bħal din ikun determinat mill-ħtieġa ta' materjal ġenetiku ġdid;

(b) sabiex dawk l-annimali li jiġu kkonfiskati jiġu eliminati skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

(c) b'mod eċċezzjonali, għal użu bħala ħażna għat-trobbija;

(4) il-ħażna għat-trobbija nnifisha pproduċiet nisel tat-tieni ġenerazzjoni jew ta' warajha (F2, F3 eċċ.) f'ambjent ikkontrollat, jew hija amministrata b'tali mod li uriet li kienet kapaċi tirriproduċi b'mod kredibbli nisel tat-tieni ġenerazzjoni f'ambjent ikkontrollat.

Artikolu 55

L-istabbiliment tal-antenati

Meta, għall-finijiet tal-Artikoli 54, 62(1) jew 63(1), awtorità kompetenti tikkunsidra li jkun meħtieġ li tistabbilixxi l-antenati ta' annimal permezz ta' analiżi tad-demm jew ta' xi tessut ieħor, din l-analiżi, jew il-kampjuni meħtieġa, għandhom ikunu disponibbli bil-mod stabbilit minn dik l-awtorità.

Artikolu 56

Kampjuni ta' speċi ta' pjanti mnisslin artifiċjalment

1. Kampjun ta' speċi ta' pjanta għandu jitqies biss bħala li huwa mnissel artifiċjalment jekk awtorità amministrattiva kompetenti, b'konsultazzjoni ma' awtorità xjentifika kompetenti tal-Istat Membru konċernat, tkun sodisfatta li l-kriterji li ġejjin ikunu ntlaħqu: l-awtorità amministrattiva kompetenti b'konsultazzjoni ma' awtorità xjentifika kompetenti tal-Istat Membru konċernat tkun sodisfatta li:

(a) il-kampjun huwa, jew huwa derivat minn, pjanti mkabbrin minn żrieragħ, qtugħ, qasmiet, tessuti tal-qxur jew tessuti oħrajn tal-pjanti, spori jew tnissil ieħor taħt kundizzjonijiet ikkontrollati;

▼M2

(b) il-ħażna kkultivata ta' ġenituri hija stabbilita u mantnuta skont id-definizzjoni fl-Artikolu 1(4a);

———————

(d) fil-każ ta' pjanti mlaqqmin, kemm ix-xtieli bl-għeruq kif ukoll il-pjanti mlaqqmin ikunu tnisslu artifiċjalment skont il-punti (a) u (b).

▼M6

Għall-finijiet tal-punt (a), kundizzjonijiet ikkontrollati tirreferi għal ambjent mhux naturali li huwa mmanipulat b'mod intensiv minn intervent uman, li jista' jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, kultivazzjoni tarraba', fertilizzazzjoni, kontroll ta' ħaxix ħażin, tisqija jew xogħol fl-imxietel bħal tqegħid fil-qsari, tħawwil fil-ħmiemel u protezzjoni mittemp. Għal unitajiet tassonomiċi ta' produzzjoni ta' injam tal-agar, li huma kkultivati minn żrieragħ, qtugħ, tilqim, tirqid (marcoting-air-layering), qasmiet, tessuti kalluż jew tessuti oħrajn tal-pjanti, spori jew

▼M6

tnissil ieħor “taħt kundizzjonijiet ikkontrollati” tirreferi għal pjantaġġuni tas-siġar, inkluż ambjent ieħor mhux naturali li huwa mmanipulat permezz ta' intervent uman għal skopijiet ta' produzzjoni ta' pjanti jew partijiet u derivati tal-pjanti.

▼M2

2. Injam u partijiet jew derivati oħra tas-siġar meħuda minn siġar imkabbrin fi pjantaġġuni monospeċifiċi għandhom jitqiesu bħala li tnisslu artifiċjalment skont il-paragrafu 1.

▼M6

3. Siġar ta' unitajiet tassonomiċi ta' produzzjoni ta' injam tal-agar imkabbra fil-kultivazzjoni bħal:

(a) ġonna (dar u/jew ġnien tal-komunità);

(b) pjantaġġun tal-Istat, privat jew tal-produzzjoni komunitarja, jew speċi monospeċifika jew imħallta,

għandu jitqies bħala li jitnissel artifiċjalment skont il-paragrafu 1.

▼B

KAPITOLU XIV

OĠĠETTI PERSONALI U DOMESTIĊI

Artikolu 57

L-introduzzjoni u l-introduzzjoni mill-ġdid fil-Komunità ta’ oġġetti personali u domestiċi

1. Id-deroga mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għal oġġetti personali u domestiċi, kif preskritt fl-Artikolu 7(3) ta’ dak ir-Regolament, ma għandhiex tapplika għal kampjuni li jintużaw għal profitt kummerċjali, li jinbiegħu u jiġu ppreżentati għal finijiet kummerċjali, li jinżammu għall-bejgħ, jiġu offruti għall-bejgħ jew jiġu ttrasportati għall-bejgħ.

Din id-deroga għandha tapplika biss għal kampjuni, inklużi trofej tal-kaċċa, jekk jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jinżammu fil-bagalji personali ta’ vjaġġaturi li jkunu ġejjin minn pajjiż terz;

(b) jinżammu fil-proprjetà personali ta’ persuna naturali li tkun qiegħda tibdel ir-residenza normali tagħha minn pajjiż terz għall-Komunità;

(c) ikunu trofej tal-kaċċa meħuda minn vjaġġatur u importati aktar tard.

2. Id-deroga mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għal oġġetti personali jew domestiċi, kif preskritt fl-Artikolu 7(3) ta’ dak ir-Regolament, ma għandhiex tapplika għal kampjuni ta’ speċi elenkati fl-Anness A għal dak ir-Regolament meta jiġu introdotti fil-Komunità għall-ewwel darba minn persuna normalment residenti, jew li sejra tibda tgħix, fil-Komunità.

3. L-ewwel introduzzjoni fil-Komunità ta’ oġġetti personali jew domestiċi, inklużi trofej tal-kaċċa, minn persuna li għandha r-residenza normali tagħha fil-Komunità u li tinvolvi kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għandhiex teħtieġ il-preżentazzjoni lid-dwana ta’ permess ta’ importazzjoni, dment li jiġu ppreżentati l-oriġinal ta’ dokument ta’ (ri)-esportazzjoni u kopja tiegħu.

Id-dwana għandha tibgħat l-oriġinal skont l-Artikolu 45 ta’ dan ir-Regolament u tibgħat lura l-kopja ttimbrata lid-detentur.

▼M6

3a. Permezz ta' deroga minn paragrafu 3, l-ewwel introduzzjoni fl-Unjoni ta' trofej tal-kaċċa ta' kampjuni ta' speċi jew il-popolazzjonijiet elenkati fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

▼B

4. L-introduzzjoni mill-ġdid fil-Komunità ta' oġġetti personali u domestiċi, minn persuna li jkollha r-residenza normali tagħha fil-Komunità, inklużi trofej tal-kaċċa, li huma kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Annessi A jew B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għandhiex teħtieġ il-preżentazzjoni lid-dwana ta' permess ta' importazzjoni, dment li tiġi ppreżentata waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-"kopja għad-detentur" (il-formola 2) approvata mid-dwana ta' permess ta' importazzjoni jew esportazzjoni użat qabel fil-Komunità;

(b) il-kopja tad-dokument ta' (ri-)esportazzjoni msemmi fil-paragrafu 3;

(c) prova li l-kampjuni kienu akkwistati fil-Komunità.

▼M1

5. B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, id-dħul jew id-dħul mill-ġdid fil-Komunità ta' l-oġġetti li ġejjin elenkati fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għandhomx jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' permess ta' importazzjoni jew permess ta' esportazzjoni (mill-ġdid):

(a) kavjar ta' l-ispeċi ta' l-isturjun (Acipenseriformes spp) sa massimu ta' 125 gramma għal kull persuna, f'kontenituri mmarkati individwalment skond l-Artikolu 66(6);

(b) stikek tax-xita (rainsticks) ta' Cactaceae spp., sa tlieta għal kull persuna;

(ċ) kampjuni mejta tal-Crocodylia spp., ħlief il-laħam u t-trofej tal-kaċċa, sa erba' għal kull persuna;

(d) qxur ta' arzelli ta' *Strombus gigas*, sa tlieta kull persuna;

(e) *Hippocampus* spp. sa erba' kampjuni mejta għal kull persuna;

(f) qxur ta' arzelli tat-*Tridacnidae* spp. sa tliet kampjuni għal kull persuna li b'kollox ma jaqbżux it-tliet kg, meta kampjun jista' jkun qoxra ta' arzella waħda jew żewġt iqxur jaqblu;

▼M6

(g) kampjuni ta' injam tal-agar (*Aquilaria* spp. u *Gyrinops* spp.) — sa 1 kg ta' laqx tal-injam, 24 ml ta' żejt, u żewġ settijiet ta' żibeġ jew kuruni tar-rużarju (jew żewġ ġiżirajjen jew brazzuletti) kull persuna.

▼B

Artikolu 58

Esportazzjoni u ri-esportazzjoni mill-Komunità ta' oġġetti personali u domestiċi

1. Id-deroga mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għal oġġetti personali u domestiċi, kif preskritta fl-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament, ma għandhiex tapplika għal kampjuni li jintużaw għal profitt kummerċjali, li jinbiegħu u jiġu ppreżentati għal finijiet kummerċjali, li jinżammu għall-bejgħ, jiġu offruti għall-bejgħ jew jiġu ttrasportati għall-bejgħ.

Din id-deroga għandha tapplika biss għall-kampjuni li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jinżammu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi li jmorru f'pajjiż terz;

(b) jinżammu fil-proprjetà personali ta' persuna naturali li tkun qiegħda tibdel ir-residenza normali tagħha mill-Komunità għal pajjiż terz.

2. Fil-każ ta' esportazzjoni, id-deroga mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għal oġġetti personali jew domestiċi, kif preskritt fl-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament, ma għandhiex tapplika għal kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness A jew B għal dak ir-Regolament.

▼B

3. Ir-ri-esportazzjoni, minn persuna normalment residenti fil-Komunità, ta' oġġetti personali jew domestiċi, inklużi trofej tal-kaċċa personali, li huma kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness A jew B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għandhiex teħtieġ il-preżentazzjoni lid-dwana ta' ċertifikat ta' ri-esportazzjoni, dment li tiġi ppreżentata waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-"kopja għad-detentur" (il-formola 2) approvata mid-dwana ta' permess ta' importazzjoni jew esportazzjoni użat qabel fil-Komunità;

(b) il-kopja tad-dokument ta' (ri-)esportazzjoni msemmi fl-Artikolu 57(3) ta' dan ir-Regolament;

(c) prova li l-kampjuni kienu akkwistati fil-Komunità.

▼M6

Id-dispożizzjonijiet fis-subparagrafu preċedenti ma japplikawx għall-esportazzjoni mill-ġdid ta' qarn tar-rinoċeronti jew l-avorju tal-iljunfanti f'affarijiet tad-dar jew personali; għal dawn il-kampjuni għandha tkun meħtieġa l-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid lid-dwana.

3a. L-esportazzjoni mill-ġdid, minn persuna li ma tirrisjedix normalment fl-Unjoni, ta' affarijiet personali jew tad-dar akkwistati barra l-Istat tar-residenza tas-soltu tiegħu/tagħha, inklużi trofej tal-kaċċa personali, li huma eżemplari tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tiġi soġġetta għall-preżentazzjoni lid-dwana ta' ċertifikat ta' esportazzjoni mill-ġdid. L-istess rekwiżit japplika għall-esportazzjoni mill-ġdid bħala affarijiet personali jew tad-dar tal-qarn tar-rinoċeronti jew l-avorju tal-iljunfanti minn kampjuni minn popolazzjonijiet elenkati fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

4. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3 l-esportazzjoni jew l-esportazzjoni mill-ġdid tal-oġġetti elenkati fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 57(5) ma għandhomx jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' dokument ta' esportazzjoni mill-ġdid.

▼M2

Artikolu 58a

Użu kummerċjali ta' effetti personali u domestiċi fi ħdan l-Unjoni

▼M6

1. Attivitajiet kummerċjali għal eżemplari ta' speċijiet elenkati fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li jiddaħħlu fl-Unjoni skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jistgħu jiġu awtorizzati minn awtorità ta' ġestjoni ta' Stat Membru skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M2

(a) l-applikant irid juri li l-kampjun ġie introdott fl-Unjoni mill-inqas sentejn qabel ma jkun jista' jintuża għal għan kummerċjali, u

▼M2

(b) l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat tkun ivverifikat li l-kampjun kkonċernat seta' ġie importat għal għanijiet kummerċjali skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 fiż-żmien meta ġie introdott fl-Unjoni.

Ġaladarba jkunu ġew sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet, l-awtorità amministrattiva għandha toħroġ stqarrija miktuba li tgħid li l-kampjun jista' jintuża għal għanijiet kummerċjali.

▼M6

2. Għandhom jiġu pprojbiti attivitajiet kummerċjali għal eżemplari ta' speċijiet elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li kienu introdotti fl-Unjoni skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, jew għal kampjuni ta' speċijiet elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jew fl-Anness C1 tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 u introdotti fl-Unjoni bħala affarijiet personali u domestiċi.

▼B

KAPITOLU XV

EŻENZJONIJIET U DEROGI

Artikolu 59

Eżenzjonijiet mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 previsti fl-Artikolu 8(3) tiegħu

1. L-eżenzjoni għal kampjuni msemmija fl-Artikolu 8(3)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tingħata biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti li l-kundizzjonijiet imsemmija fih u fl-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament ġew issodisfati.

▼M2

1a. L-eżenzjoni għal eżemplari msemmija fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tingħata biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti li l-kampjuni kkonċernati jkunu nkisbu skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar il-konservazzjoni tal-fawna u l-flora selvaġġi.

▼B

2. L-eżenzjoni għal kampjuni msemmija fl-Artikolu 8(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tingħata biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti, wara li din tal-aħħar tkun ikkonsultat ma' awtorità xjentifika kompetenti, li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati u li l-kampjuni kkonċernati twieldu u trabbew fil-magħluq jew li tnisslu artifiċjalment skont l-Artikoli 54, 55 u 56 ta' dan ir-Regolament.

3. L-eżenzjoni għal kampjuni msemmija fl-Artikolu 8(3)(e), (f) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tingħata biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti, wara li din tal-aħħar tkun ikkonsultat ma' awtorità xjentifika kompetenti, li l-kundizzjonijiet imsemmija fih u fl-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati.

▼B

4. L-eżenzjoni għal kampjuni msemmija fl-Artikolu 8(3)(h) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tingħata biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti li l-kampjuni kkonċernati ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom fi Stat Membru skont il-leġiżlazzjoni tiegħu.

5. Eżenzjoni prevista fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tingħata fir-rigward ta' vertebrati ħajjin biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 66 ta' dan ir-Regolament ġew issodisfati.

Artikolu 60

Deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għall-benefiċċju tal-istituzzjonijiet xjentifiċi

Bla ħsara għall-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, deroga mill-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 8(1) tiegħu tista' tingħata lil istituzzjonijiet xjentifiċi, approvati minn awtorità amministrattiva b'konsultazzjoni ma' awtorità xjentifika, permezz tal-ħruġ ta' ċertifikat li jkopri l-kampjuni kollha tal-ispeċi elenkati fl-Anness A għal dak ir-Regolament, fil-kollezzjonijiet maħsuba għal waħda minn dawn li ġejjin:

(1) trobbija fil-magħluq jew tnissil artifiċjali li minnhom joħorġu benefiċċji għall-konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernati;

(2) riċerka jew edukazzjoni mmirata għall-preservazzjoni jew il-konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernati.

Kwalunkwe bejgħ ta' kampjuni koperti minn ċertifikat bħal dan jista' jsir biss lil istituzzjonijiet xjentifiċi oħrajn li jkollhom ċertifikat bħal dan.

Artikolu 61

Eżenzjonijiet mill-Artikolu 8(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97

Bla ħsara għall-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, la l-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 8(1) tiegħu fuq ix-xiri, l-offerta għal xiri, jew l-akkwist ta' kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness A tiegħu għal għanijiet kummerċjali u lanqas id-dispożizzjoni stipulata fl-Artikolu 8(3) tiegħu, li l-eżenzjonijiet minn dawk il-projbizzjonijiet għandhom jingħataw fuq bażi ta' każ b'każ, ma għandhom japplikaw meta l-kampjuni involuti jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(1) huma koperti minn wieħed miċ-ċertifikati speċifiċi għall-kampjuni previsti fl-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament;

(2) huma koperti minn waħda mill-eżenzjonijiet ġenerali previsti fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 62

Eżenzjonijiet ġenerali mill-Artikolu 8(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97

Id-dispożizzjoni stipulata fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, li l-eżenzjonijiet li jirriżultaw mill-projbizzjonijiet fl-Artikolu 8(1) għandhom jingħataw bil-ħruġ ta' ċertifikat fuq il-bażi ta' każ

▼B

b'każ, ma għandhomx japplikaw għal, u ma huwa meħtieġ ebda ċertifikat għal, dawn li ġejjin:

(1) kampjuni ta' annimali mwielda u mrobbija fil-magħluq tal-ispeċi elenkati fl-Anness X għal dan ir-Regolament, u ibridi tagħhom, dment li l-kampjuni ta' speċi annotati jkunu mmarkati skont l-Artikolu 66(1) ta' dan ir-Regolament;

(2) kampjuni ta' speċi ta' pjanti mnisslin artifiċjalment;

(3) kampjuni maħduma li kienu akkwistati aktar minn 50 sena qabel kif definit fl-Artikolu 2(w) tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

▼M2

(4) eżemplari mejta ta' tal-ispeċi *Crocodylia* inklużi fl-AnnessA bil-kodiċi tas-sors D, sakemm ikunu mmarkati jew identifikati b'mezzi oħra skont dan ir-Regolament;

(5) kavjar ta' *Acipenser brevirostrum* u l-ibridi tiegħu, bil-kodiċi tas-sors D, sakemm ikun f'kontenitur immarkat skont dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 63

Ċertifikati maħruġa minn qabel skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 8(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, Stat Membru jista' jagħmel ċertifikati maħruġa minn qabel disponibbli għal dawk li jrabbu li jkunu approvati għal dak il-għan minn awtorità amministrattiva, bil-kundizzjoni li jżommu reġistrazzjonijiet tat-trobbija, u li għandhom jippreżentawhom lill-awtorità amministrattiva kompetenti meta din titlobhomlhom.

Dawn iċ-ċertifikati għandhom, fil-kaxxa 20, jinkludu d-dikjarazzjoni li ġejja:

"Ċertifikat validu biss għat-*taxa* li ġej/ġejjin: …"

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 8(3)(d) u (h) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, Stat Membru jista' jagħmel ċertifikati maħruġa minn qabel disponibbli għall-persuni li jkunu ġew approvati minn awtorità amministrattiva biex ibiegħu, fuq il-bażi ta' dawn iċ-ċertifikati, kampjuni mejta mrobbija fil-magħluq u/jew numri żgħar ta' kampjuni mejta li kienu ttieħdu legalment mill-ambjent naturali tagħhom fil-Komunità, bil-kundizzjoni li kwalunkwe tali persuna tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iżżomm reġistru, li għandu, fuq talba, jiġi ppreżentat lill-awtorità amministrattiva kompetenti u li jinkludi dettalji tal-kampjuni/speċi mibjugħa, il-kawża tal-mewt (jekk tkun magħrufa), il-persuni li mingħandhom inkisbu l-kampjuni u l-persuni li lilhom inbiegħu;

(b) tissottometti rapport annwali lill-awtorità amministrattiva kompetenti, li jkun jinkludi dettalji tal-bejgħ matul dik is-sena, it-tip u n-numru ta' kampjuni, l-ispeċi kkonċernati u tagħrif dwar kif inkisbu l-kampjuni.

▼M2

3. Ċertifikati maħruġa minn qabel ikunu validi biss darba jkunu mtlew u tkun intbagħtet kopja taċ-ċertifikat lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ mill-applikant.

▼B

KAPITOLU XVI

REKWIŻITI TA' MMARKAR

Artikolu 64

Immarkar ta' kampjuni għall-finijiet ta' importazzjonijiet u attivitajiet kummerċjali fil-Komunità

1. Permessi ta' importazzjoni għall-kampjuni li ġejjin għandhom jinħarġu biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti li l-kampjuni kienu ġew immarkati individwalment skont l-Artikolu 66(6):

(a) kampjuni li ġejjin minn ħidma ta' trobbija fil-magħluq li kienet approvata mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni;

(b) kampjuni li ġejjin minn ħidma ta' ranching li kienet approvata mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni;

(c) kampjuni minn popolazzjoni ta' speċi elenkati fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni li għalihom ġiet approvata kwota ta' esportazzjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni;

(d) nejbiet naturali tal-iljunfant Afrikan u biċċiet maqtugħin minnhom li t-tnejn ikunu 20 ċm jew aktar fit-tul u 1 kg jew aktar fil-piż;

(e) ġlud tal-kukkudrill naturali, ikkunzati jew maħdumin lesti, ġnub, dnieb, grieżem, saqajn, strixxi tad-dahar u partijiet oħrajn tiegħu li jiġu esportati lejn il-Komunità, u ġlud u ġnub sħaħ naturali, ikkunzati jew maħdumin lesti tal-kukkudrill li jiġu ri-esportati lejn il-Komunità;

(f) vertebrati ħajjin tal-ispeċi elenkati fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97 li jappartjenu għal xi wirja li tivvjaġġa;

(g) kwalunkwe kontenitur ta' kavjar ta' *Acipenseriformes* spp., inklużi bottijiet, vażetti jew kaxex li fihom il-kavjar jiġi ppakkjat direttament.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, il-kontenituri kollha tal-kavjar, kif speċifikat fil-punt (g) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu mmarkati skont l-Artikolu 66(6) ta' dan ir-Regolament, soġġett għar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 66(7) tiegħu.

Artikolu 65

Immarkar ta' kampjuni għall-finijiet ta' esportazzjoni u ri-esportazzjoni

1. Iċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni għal kampjuni msemmija fl-Artikolu 64(1) minn (a) sa (d) u (f) li ma kinux sostanzjalment immodifikati għandhom jinħarġu biss jekk l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva li l-marki oriġinali huma intatti.

2. Iċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni għal ġlud u ġnub sħaħ naturali, ikkunzati u/jew maħdumin lesti tal-kukkudrilli għandhom jinħarġu biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva li t-tikketti oriġinali huma intatti jew, meta t-tikketti oriġinali kienu ntilfu jew tneħħew, il-kampjuni kienu mmarkati b'tikketta ta' ri-esportazzjoni.

3. Il-permessi ta' esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni għal kwalunkwe kontenitur ta' kavjar kif speċifikat fil-punt (g) tal-Artikolu 64(1) għandhom jinħarġu biss meta l-kontenitur jiġi mmarkat skont l-Artikolu 66(6).

▼B

4. Il-permessi ta’ esportazzjoni għandhom jinħarġu fir-rigward ta’ vertebrati ħajjin ta’ speċi elenkati fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 338/97 biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità amministrattiva kompetenti li r-rekwiżiti rilevanti stipulati fl-Artikolu 66 ta’ dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati. ►M2 Dan ma japplikax għal eżemplari ta’ speċijiet elenkati fl-Anness X għal dan ir-Regolament sakemm annotazzjoni fl-Anness X tippreskrivi l-immarkar. ◄

Artikolu 66

Metodi ta’ mmarkar

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 33(1), 40(1), 59(5) u 65(4), għandhom japplikaw il-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu.

2. L-għasafar imwielda u mrobbija fil-magħluq għandhom jiġu mmarkati skont il-paragrafu 8, jew, meta l-awtorità amministrattiva kompetenti tkun sodisfatta li dan il-metodu mhuwiex addattat minħabba l-kwalitajiet fiżiċi u ta’ mġiba tal-annimal, permezz ta' microchip transponder innumerat b’mod uniku, li ma jistax jinbidel u li jkun konformi mal-Istandards tal-ISO 11784:1996 (E) u 11785:1996 (E).

3. Vertebrati ħajjin għajr għasafar imwielda u mrobbija fil-magħluq għandhom jiġu mmarkati permezz ta’ microchip transponder innumerat b’mod uniku, li ma jinbidilx u li jkun konformi mal-Istandards tal-ISO 11784:1996 (E) u 11785:1996 (E), jew, meta l-awtorità amministrattiva kompetenti tkun sodisfatta li dan il-metodu mhuwiex addattat minħabba l-kwalitajiet fiżiċi u ta’ mġiba tal-kampjuni/speċi, il-kampjuni kkonċernati għandhom jiġu mmarkati permezz ta’ ċrieki, faxex, tikketti, tatwaġġi jew mezzi simili nnumerati b’mod uniku, jew jiġu magħmula identifikabbli b’mezzi addattati oħrajn.

4. L-Artikoli 33(1), 40(1), 48(2), 59(5) u 65(4) ma għandhomx japplikaw meta l-awtorità amministrattiva kompetenti tkun issodisfata li, waqt il-ħruġ taċ-ċertifikat rilevanti, il-kwalitajiet fiżiċi tal-kampjuni involuti ma jippermettux l-applikazzjoni mingħajr periklu ta’ kwalunkwe metodu ta’ mmarkar.

Meta dan ikun il-każ, l-awtorità amministrattiva kkonċernata għandha toħroġ ċertifikat speċifiku għat-tranżazzjoni u għandha tirreġistra dan il-fatt fil-kaxxa 20 taċ-ċertifikat, jew, meta metodu ta’ mmarkar ikun jista’ jiġi applikat mingħajr periklu f’data aktar tard, hija għandha tinkludi fih l-istipulazzjonijiet meħtieġa.

▼M2

Iċ-ċertifikati speċifiċi għall-kampjuni, iċ-ċertifikati għall-wirja li tivvjaġġa u ċ-ċertifikati ta’ proprjetà personali ma għandhomx jinħarġu fir-rigward ta’ eżemplari bħal dawn.

▼B

5. Il-kampjuni li kienu mmarkati permezz ta’ microchip transponder differenti minn wieħed li kien konformi mal-Istandards tal-ISO 11784:1996 (E) u 11785:1996 (E) qabel l-1 ta’ Jannar 2002, jew permezz ta’ wieħed mill-metodi msemmija fil-paragrafu 3 qabel l-1 ta’ Ġunju 1997, jew b’konformità mal-paragrafu 6 qabel l-introduzzjoni tagħhom fil-Komunità, għandhom jitqiesu bħala li kienu mmarkati skont il-paragrafi 2 u 3.

▼M1

6. Il-kampjuni msemmijin fl-Artikolu 64 u 65 għandhom ikunu mmarkati skond il-metodu approvat jew rakkomandat mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni għall-kampjuni kkonċernati, u, b'mod partikolari, il-kontenituri tal-kavjar imsemmija fl-Artikoli 57(5)(a), 64(1)(ġ), 64(2) u 65(3) għandhom jiġu mmarkati individwalment permezz ta’ tikketti li ma jistgħux jerġgħu jintużaw, imwaħħla ma’ kull kontenitur primarju. Meta t-tikketta li ma tistax terġa' tintuża ma tissiġillax tajjeb il-kontenitur primarju, il-kavjar għandu jiġi ppakkjat b'tali mod li jippermetti li tiġi identifikata viżwalment kwalunkwe apertura tal-kontenitur.

▼M6

Kavjar minn speċijiet differenti ta' Acipenseriformes ma għandux jitħallat f'kontenitur primarju, ħlief fil-każ ta' kavjar ippressat (jiġifieri kavjar magħmul minn bajd mhux iffertilizzat ta' speċi ta' ħuta spatula jew sturjun wieħed jew aktar, li jifdal wara l-ipproċessar u t-tħejjija ta' kavjar ta' kwalità ogħla).

▼M1

7. Dawk l-impjanti ta' l-ipproċessar u l-impjanti ta' l-ippakkjar mill-ġdid li għandhom liċenzja mill-awtorità tal-ġestjoni ta' l-Istat Membru biss huma intitolati biex jipproċessaw u jippakkjaw jew jippakkjaw mill-ġdid il-kavjar għall-esportazzjoni, għall-esportazzjoni mill-ġdid jew għall-kummerċ intra-Komunitarju.

L-impjanti b'liċenzja ta' l-ipproċessar u ta' l-ippakkjar mill-ġdid huma mitluba li jżommu reġistri tal-kwantitajiet ta' kavjar impurtat, esportat, esportat mill-ġdid, prodott fil-post jew maħżun, kif xieraq. Dawn ir-reġistri għandhom ikun aċċessibbli għall-ispezzjoni mill-awtorità tal-ġestjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Kodiċi ta' reġistrazzjoni uniku għandu jiġi attribwit lil kull impjant ta' l-ipproċessar jew ta' l-ippakkjar mill-awtorità tal-ġestjoni.

Il-lista ta' faċilitajiet b'liċenzja skond dan il-paragrafu, kif ukoll kwalunkwe tibdila oħra, għandhom jiġu notifikati lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni u lill-Kummissjoni.

Għall-finijiet ta' dan il-paragarfu, l-impjanti ta' l-ipproċessar għandhom jinkludu l-istabbilimenti ta' akkwakoltura li jipproduċu l-kavjar.

▼B

8. Għasafar imwielda u mrobbija fil-magħluq, kif ukoll għasafar oħrajn imwielda f'ambjent ikkontrollat, għandhom jiġu mmarkati permezz ta' ċurkett fis-sieq immarkat b'mod uniku u bil-ħjatat ma jidhrux.

Ċurkett fis-sieq immarkat b'mod uniku u bil-ħjatat ma jidhrux jirreferi għal ċurkett jew faxxa f'ċirku kontinwu, mingħajr ebda qsim jew tgħaqqid, li ma kienx imbagħbas b'xi mod, ta' daqs li ma jistax jitneħħa mill-għasfur meta siequ tkun kibret għal kollox wara li jkun ġie applikat fl-ewwel ġranet tal-ħajja tal-għasfur u li kien immanifatturat kummerċjalment għal dak il-għan.

Artikolu 67

Metodi ta' mmarkar mingħajr moħqrija

Meta, fit-territorju tal-Komunità, l-immarkar ta' annimali ħajjin ikun jeħtieġ it-twaħħil ta' xi tikketta, faxxa, ċurkett jew xi apparat ieħor, jew l-immarkar ta' parti mill-anatomija tal-annimal, jew inkella li jiddaħħlu microchip transponders, dan għandu jsir bir-rispett dovut għall-attenzjoni mingħajr moħqrija, għall-benesseri u għall-imġiba naturali tal-kampjun ikkonċernat.

Artikolu 68

Rikonoxximent reċiproku tal-metodi ta' mmarkar

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-metodi tal-immarkar approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn li jkunu konformi mal-Artikolu 66.

2. Meta permess jew ċertifikat ikun meħtieġ skont dan ir-Regolament, id-dettalji sħaħ tal-immarkar tal-kampjun għandhom jiġu pprovduti fuq dokument bħal dan.

▼B

KAPITOLU XVII

RAPPORTI U INFORMAZZJONI

Artikolu 69

Rapporti dwar importazzjonijiet, esportazzjonijiet u ri-esportazzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru dejta dwar importazzjonijiet lejn u (ri-)esportazzjonijiet mill-Komunità li kienu saru fuq il-bażi ta' permessi u ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet amministrattivi tagħhom, irrispettivament mill-post attwali ta' introduzzjoni jew (ri-)esportazzjoni.

L-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 15(4)(a) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, fir-rigward ta' sena kalendarja, b'konformità mal-iskeda ta' żmien stabbilita fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għall-ispeċi elenkati fl-Annessi A, B u Ċ għal dak ir-Regolament, f'formola kompjuterizzata u skont il-Linji Gwida għat-tħejjija u l-preżentazjoni tar-rapporti annwali ta' CITES maħruġa mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

Ir-rapporti għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-merkanziji maqbuda u kkonfiskati.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'żewġ partijiet separati, kif ġej:

(a) parti waħda dwar l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-ri-esportazzjonijiet ta' kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Appendiċijiet għall-Konvenzjoni;

(b) parti waħda dwar l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-ri-esportazzjonijiet ta' kampjuni ta' speċi oħrajn elenkati fl-Annessi A, B u Ċ għar-Regolament (KE) Nru 338/97 u dwar l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness D għalih.

3. Fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' merkanziji li jkollhom annimali ħajjin, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun possibbli, iżommu rekords tal-perċentwali ta' kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Annessi A u B għar-Regolament (KE) Nru 338/97 li kienu mejtin waqt id-dħul tagħhom fil-Komunità.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni għal kull sena kalendarja qabel il-15 ta' Ġunju tas-sena ta' wara fuq bażi ta' speċi għal speċi u għal kull pajjiż (ri-)esportatur.

5. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(4)(c) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tinkludi dettalji dwar miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi meħudin għall-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u ta' dan ir-Regolament.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-aspetti li ġejjin:

(a) il-persuni u l-korpi rreġistrati skont l-Artikoli 18 u 19 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-istituzzjonijiet xjentifiċi rreġistrati skont l-Artikolu 60 ta' dan ir-Regolament;

(c) dawk li jrabbu approvati skont l-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament;

(d) l-impjanti għall-ippakkjar (mill-ġdid) tal-kavjar li jingħataw il-liċenzja skont l-Artikolu 66(7) ta' dan ir-Regolament;

(e) l-użu tagħhom ta' ċertifikati fitosanitarji skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament;

▼M1

(f) każijiet fejn inħarġu permessi ta' esportazzjoni u ċertifikati ta' importazzjoni mill-ġdid retrospettivament skond l-Artikolu 15 tar-Regolament.

▼M1

6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 għandha tiġi ppreżentata f'forma kompjuterizzata u skond il-"Format għar-Rapport Bijennali" maħruġ mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni u kif emendat mill-Kummissjoni, qabel il-15 ta' Ġunju ta' kull tieni sena u għandha tikkorrispondi għall-perjodu ta' sentejn li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.

▼B

Artikolu 70

Emendi fl-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 338/97

1. Bil-għan li jitħejjew l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 338/97 skont l-Artikolu 15(5) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward tal-ispeċi elenkati diġà fl-Annessi għal dak ir-Regolament u dawk li jistgħu jkunu eliġibbli biex jiġu elenkati, jibagħtu l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aspetti li ġejjin:

(a) l-istat bijoloġiku u kummerċjali tagħhom;

(b) l-użijiet li għalihom jitqiegħdu l-kampjuni ta' tali speċi;

(c) metodi ta' kontroll tal-kampjuni fil-kummerċ.

2. Kwalunkwe abbozzi ta' emendi għall-Annessi B jew D għar-Regolament (KE) Nru 338/97 skont l-Artikolu 3(2)(c) jew (d), jew l-Artikolu 3(4)(a) ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Reviżjoni Xjentifika, kif imsemmi fl-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, sabiex jingħataw pariri dwarhom qabel jintbagħtu lill-Kumitat.

KAPITOLU XVIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

▼M1

Artikolu 71

Ir-rifjut ta' applikazzjonijiet għall-permessi ta' importazzjoni b'segwitu għat-twaqqif ta' restrizzjonijiet.

▼B

1. Immedjatament malli tiġi stabbilita restrizzjoni skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u sakemm titneħħa l-imsemmija restrizzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw l-applikazzjonijiet għal permessi ta' importazzjoni li jikkonċernaw kampjuni esportati mill-pajjiż affettwat jew mill-pajjiżi tal-oriġini.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, permess ta' importazzjoni jista' jinħareġ meta applikazzjoni għal permess ta' importazzjoni tkun intbagħtet qabel ma ġiet stabbilita r-restrizzjoni, u meta l-awtorità amministrattiva kompetenti tal-Istat Membru tkun sodisfatta li j/teżisti kuntratt jew ordni li għalih/a jkun sar il-ħlas jew li bħala riżultat tiegħu/tagħha l-kampjuni jkunu diġà ntbagħtu bil-baħar.

3. Il-perjodu tal-validità ta' permess ta' importazzjoni maħruġ skont il-paragrafu 2 ma għandux ikun ta' aktar minn xahar.

4. Għajr fejn jiġi deċiż mod ieħor, ir-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-kampjuni li ġejjin:

(a) kampjuni mwielda u mrobbija fil-magħluq skont l-Artikoli 54 u 55, jew imnisslin artifiċjalment skont l-Artikolu 56;

▼B

(b) kampjuni li jiġu importati għall-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 8(3)(e), (f) jew (g) tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

(c) kampjuni, ħajjin jew mejtin, li huma parti mill-oġġetti domestiċi ta' persuni li jmorru jgħixu fil-Komunità.

Artikolu 72

Miżuri tranżizzjonali

1. Ċertifikati maħruġa skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 u l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3418/83 ([1]) jistgħu jkomplu jintużaw għall-għanijiet tal-Artikoli 5(2)(b), 5(3)(b), (c) u (d), l-Artikolu 5(4), u l-Artikolu 8(3)(a) u minn (d) sa (h) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

2. Eżenzjonijiet mill-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 għandhom jibqgħu validi sal-aħħar jum tal-validità tagħhom, meta speċifikat.

▼M6

3. L-Istati Membri jistgħu jkomplu joħorġu permessi ta' importazzjoni u esportazzjoni, ċertifikati ta' esportazzjoni mill-ġdid u ċertifikati tal-wirja li tivjaġġa u ta' sjieda personali fil-formoli pprovduti fl-Annessi I, III u IV, notifikazzjonijiet tal-importazzjoni fil-formola pprovduta fl-Anness II u ċertifikati tal-UE fil-formola pprovduta fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 għal sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/57 ([2]).

▼B

Artikolu 73

Notifika ta' dispożizzjonijiet implimentattivi

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni bid-dispożizzjonijiet li jkun adotta speċifikament għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-istrumenti legali kollha użati u l-miżuri meħudin għall-applikazzjoni u l-infurzar tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħrajn.

Artikolu 74

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 1808/2001 huwa rrevokat.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XII.

([1]) ĠU L 344, 7.12.1983, p. 1.

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/57 tal-15 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 dwar ir-regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 (ĠU L 10, 16.1.2015, p. 19).

▼B

Artikolu 75

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼M3

———————

▼B

ANNESS VII

Kodiċijiet li jridu jiġu inklużi fid-deskrizzjoni tal-kampjuni u unitajiet ta' kejl li jridu jintużaw fil-permessi u ċ-ċertifikati skont l-Artikolu 5(1) u (2)

Deskrizzjoni	Kodiċi	Unitajiet preferiti	Unitajiet alternattivi	Spjegazzjoni
Qoxra	BAR	Kg		Qoxra ta' siġra (naturali, imnixxfa jew magħmula trab; mhux proċessata)
Ġisem	BOD	Numru	Kg	Annimali mejtin sostanzjalment sħaħ, inkluż ħut frisk jew ipproċessat, fkieren tal-baħar ibbalzmati, friefet ibbalzmati, rettili fl-alkoħol, trofej tal-kaċċa sħaħ ibbalzmati, eċċ.
Għadma	BON	Kg	Numru	Għadam, inkluż ixdqa
Calipee	CAL	Kg		Calipee jew calipash (il-qarquċa tal-fekruna tal-baħar għas-soppa)
Carapace	CAP	Numru	Kg	Qxur sħaħ naturali jew mhux maħduma tal-ispeċi *Testudinata*
Tinqix	CAR	Kg	m^3	Oġġetti mnaqqxa (inkluż fl-injam, u inklużi prodotti tal-injam lesti bħal għamara, strumenti tal-mużika u artiġġjanat). NB: hemm xi speċi li minnhom jista' jitnaqqax aktar minn tip wieħed ta' prodott (eż. qrun u għadam); fejn ikun meħtieġ, id-deskrizzjoni għandha għalhekk tindika t-tip ta' prodott (eż. tinqix f'qarn)
Kavjar	CAV	Kg		Bajd mejjet ipproċessat u mhux fertilizzat mill-ispeċi kollha ta' *Acipenseriformes*; magħruf ukoll bħala *roe* (għanqud ta' bajd)
Laqx	CHP	Kg		Laqx tal-injam, speċjalment *Aquilaria malaccensis* u *Pterocarpus santalinus*
Difer	CLA	Numru	Kg	Dwiefer – eż. ta' *Felidae*, *Ursidae* jew *Crocodylia* (NB: "dwiefer tal-fekruna tal-baħar" – ġeneralment ikunu qxur u mhux dwiefer reali)
Ċarruta	CLO	m^2	Kg	Ċarruta – jekk iċ-ċarruta ma tkunx magħmula kollha kemm hi minn xagħar tal-ispeċi ta' CITES, il-piż tax-xagħar tal-ispeċi kkonċernata għandu minflok, jekk possibli, ikun irreġistrat taħt "HAI"
Qroll (naturali)	COR	Kg	Numru	Qroll mejjet u qroll tal-blat (NB: il-kummerċ irid ikun irreġistrat skont in-Numru ta' biċċiet biss jekk il-kampjuni tal-qroll ikunu ttrasportati bil-baħar).

▼B

Deskrizzjoni	Kodiċi	Unitajiet preferiti	Unitajiet alternattivi	Spjegazzjoni
Kultura	CUL	Numru ta' flasks, eċċ.		Kulturi ta' pjanti mnisslin artifiċjalment
Derivattivi	DER	kg/l		Derivattivi (għajr dawk inklużi fi bnadi oħra f'din it-tabella)
Pjanti mnixxfin	DPL	Numru		Pjanti mnixxfin – eż. kampjuni ta' erbarju
Widna	EAR	Numru		Widnejn, ġeneralment tal-iljunfanti
Bajda	EGG	Numru	Kg	Bajd sħiħ mejjet jew li ħżien (ara wkoll kavjar)
Bajda (ħajja)	EGL	Numru	Kg	Bajd ħaj – ġeneralment ta' għasafar u rettili, iżda jinkludu wkoll ħut u invertebrati oħrajn
Qoxra ta' bajda	SHE	g/kg		Qoxra ta' bajda naturali jew mhux maħduma, għajr bajd sħiħ
Estratt	EXT	Kg	L	Estratt — ġeneralment estratti ta' pjanti
Rixa	FEA	kg/ Numru ta' ġwienaħ	Numru	Rix – fil-każ ta' oġġetti (eż. stampi) magħmula mir-rix, irreġistra n-Numru ta' oġġetti
Fibra	FIB	Kg	M	Fibri – eż. Fibri minn pjanti, iżda jinkludu fibri tal-pali tat-tennis
Pinna	FIN	Kg		Pinen friski, iffriżati jew imnixxfin u partijiet ta' pinen
Fingerlings	FIG	Kg	Numru	Ħut ta' età żgħira ta' sena jew sentejn għall-kummerċ tal-akkwarji, biex ifaqqas jew biex jinħeles
Fjura	FLO	Kg		Fjuri
Qasrija għall-fjuri	FPT	Numru		Qsari għall-fjuri magħmula minn partijiet ta' pjanta, eż. fibri tad-diksonja (NB: pjanti ħajjin innegozjati fl-hekk imsejħa "qsari tal-komunità" għandhom jiġu rreġistrati bħala "pjanti ħajjin", mhux bħala qsari għall-fjuri)
Saqajn taż-żrinġijiet	LEG	kg		Saqajn taż-żrinġijiet
Frott	FRU	kg		Frott
Sieq	FOO	Numru		Saqajn – eż. tal-iljunfanti, tar-rinoċeronte, tal-ippopotamu, tal-iljuni, tal-kukkudrilli, eċċ.
Marrara	GAL	kg		Marrara
Bużżieqa tal-marrara	GAB	Numru	kg	Bużżieqa tal-marrara
Biċċa ħwejjeġ	GAR	Numru		Ħwejjeġ tal-ilbies - inklużi ingwanti u kpiepel, iżda mhux żraben; Tinkludi wkoll tirqim jew dekorazzjonijiet fuq il-ħwejjeġ

▼B

Deskrizzjoni	Kodiċi	Unitajiet preferiti	Unitajiet alternattivi	Spjegazzjoni
Organi ġenitali	GEN	kg	Numru	Kastrati u peni mnixxfin
Għeruq għat-tilqim	GRS	Numru		Għeruq għat-tilqim (mingħajr it-tilqim)
Xagħar	HAI	kg	G	Xagħar – inkluż ix-xagħar tal-annimali kollha, eż. ta' iljunfanti, yak, vicuña, guanaco
Qarn	HOR	Numru	Kg	Qrun – inkluż il-qrun taċ-ċriev
Prodott tal-ġilda (żgħir)	LPS	Numru		Prodotti tal-ġilda żgħar manifatturati, eż. ċinturini, qfieli, sruġ tar-roti, portafolli għaċ-ċekkijiet jew għal karti ta' kreditu, imsielet, basktijiet tal-idejn, ornamenti għaċ-ċwievet, kotba għan-noti, portmonijiet, żraben, basktijiet żgħar għat-tabakk, kartieri, ċineg tal-arloġġi
Prodott tal-ġilda (kbir)	LPL	Numru		Prodotti tal-ġilda kbar manifatturati – eż. kaxxetti tad-dokumenti, għamara, bagalji, bagolli tal-ivvjaġġar
Ħajjin	LIV	Numru		Annimali u pjanti ħajjin. Kampjuni ta' qroll ħaj ittrasportati bil-baħar għandhom jiġu rreġistrati skont in-Numru ta' biċċiet biss.
Werqa	LVS	Numru	Kg	Weraq
Zkuk maqtugħin	LOG	m^3		L-injam kollu mhux maħdum, kemm bil-qoxra jew imnixxef u kemm jekk le, jew kwadrat fuq fuq, għall-ipproċessar notevolment f'injam isserrat, polpa tal-injam jew fuljetti. NB: il-kummerċ ta' zkuk maqtugħ għall-għan speċjali ta' injam innegozjat skont il-piż (eż. *lignum vitae*, *Guaniacum* spp.) għandu jiġi rreġistrat f'kilogrammi.
Laħam	MEA	kg		Laħam, inkluż laħam ta' ħut jekk mhux sħiħ (ara taħt "ġisem")
Mediċina	MED	kg/l		Mediċina
Misk	MUS	g		Misk
Żejt	OIL	kg	L	Żejt — eż. minn fkieren tal-baħar, bumerini, baleni, ħut, pjanti varji
Biċċiet tal-għadam	BOP	kg		Biċċiet tal-għadam, mhux manifatturati
Biċċiet tal-qrun	HOP	kg		Biċċiet tal-qrun, mhux manifatturati – inkluż skart
Biċċiet tal-avorju	IVP	kg		Biċċiet tal-avorju, mhux manifatturati — inkluż skart
Pjanċa	PLA	m^2		Folji ta' ġlud tal-fer — inklużi twapet żgħar jekk ikunu magħmula minn diversi folji ta' ġlud
Trab	POW	kg		Trab
Għerq	ROO	Numru	Kg	Għeruq, basal, basal tal-qasab u tuberi

▼B

Deskrizzjoni	Kodiċi	Unitajiet preferiti	Unitajiet alternattivi	Spjegazzjoni
Injam isserrat	SAW	m^3		Injam sempliċement isserrat mit-tul jew prodott minn proċess ta' tqattigħ fuq il-profil; normalment bi ħxuna ta' aktar minn 6 mm. NB: kummerċ ta' injam isserrat għall-għan speċjali ta' injam innegozjat bil-piż (eż. *lignum vitae*, *Guaniacum* spp.) għandu jiġi rreġistrat f'kilogrammi.
Qoxra	SCA	kg		Qoxra - eż. tal-fekruna tal-baħar, ta' rettili oħrajn, tal-ħut, tal-pangolini
Żerriegħa	SEE	kg		Żrieragħ
Qoxra	SHE	Numru	Kg	Qoxra naturali jew mhux maħduma ta' molluski
Ġenb	SID	Numru		Ġnub jew faldi tal-ġlud; ma jinkludux oqsfa Tinga tal-kukkudrill (ara taħt "ġilda")
Skeletru	SKE	Numru		Skeletri sostanzjalment sħaħ
Ġilda	SKI	Numru		Ġlud sostanzjalment sħaħ, naturali jew ikkunzati, li jinkludu oqsfa Tinga tal-kukkudrill
Biċċiet tal-ġilda	SKP	Numru		Biċċiet tal-ġilda — inklużi skart, kranji naturali jew ikkunzati
Kranju	SKU	Numru		Kranji
Soppa	SOU	kg	L	Soppa — eż. tal-fekruna tal-baħar
Kampjun (xjentifiku)	SPE	kg/l/ml		Kampjuni speċifiċi - inkluż demm, tessut, (e.g. kliewi, milsa, eċċ.) preparazzjonijiet istoloġiċi, eċċ.
Zokk ta' werqa	STE	Numru	Kg	Zkuk tal-pjanti
Bużżieqa tal-ħut	SWI	kg		Organu idrostatiku, inkluż kolla tal-istorjun/majka
Denb	TAI	Numru	Kg	Dnub — eż. tal-kajman (għall-ġilda) jew tal-volpi (għal tirqim ta' lbies, għenuq, boa, eċċ.)
Sinna	TEE	Numru	Kg	Snien — eż. ta' baleni, iljuni, ipoppotami, kukkudrilli, eċċ.
Injam	TIM	m^3	Kg	Injam naturali minbarra zkuk isserrati u injam isserrat
Trofew	TRO	Numru		Trofej - il-partijiet kollha ta' trofej ta' annimal wieħed jekk jiġu esportati flimkien: eż. qrun (2), kranju, cape, ġilda tad-dahar, denb u saqajn (jiġifieri 10 kampjuni) jikkostitwixxu trofew wieħed. Iżda jekk, pereżempju, il-kranju u l-qrun huma l-uniċi kampjuni ta' annimal li jiġu esportati, imbagħad dawk l-oġġetti flimkien għandhom jiġu rreġistrati bħala trofew wieħed. Inkella l-oġġetti għandhom jiġu rreġistrati separatament. Ġisem sħiħ ibbalzmat jiġi rreġistrat taħt "BOD". Ġilda weħidha tiġi rreġistrata taħt "SKI".

▼**B**

Deskrizzjoni	Kodiċi	Unitajiet preferiti	Unitajiet alternattivi	Spjegazzjoni
Nejba	TUS	Numru	Kg	Nejbiet sostanzjalment sħaħ, kemm jekk maħduma u kemm jekk le. Inklużi nejbiet ta' iljunfanti, ipoppotami, walrus, narwhal, iżda mhux snien oħrajn.
Folji tal-fuljetta — Fuljetta rotatorja — biċċiet ta' verniċ	VEN	m^3, m^2	Kg	Saffi rqaq jew folji ta' injam ta' ħxuna uniformi, normalment bi ħxuna ta' 6 mm jew inqas, ġeneralment imqaxxrin (fuljetta rotatorja) jew imqatta' strixxi (fuljetti mqattgħin biċċiet), li jintużaw biex isir il-plywood, għall-kisi tal-għamara, għall-kisi ta' kontenituri, eċċ.
Xama'	WAX	kg		Xama', inkluż l-*ambergris*
Sħiħ	WHO	kg	Numru	Annimali jew pjanti sħaħ (mejtin jew ħajjin)

Spjegazzjoni tal-unitajiet (jistgħu jintużaw qisien ekwivalenti li mhumiex metriċi)

g = grammi
kg = kilogrammi
l = litri
cm^3 = ċentimetri kubi
ml = millilitri
m = metri
m^2 = metri kwadri
m^3 = metri kubi
Numru = numru ta' kampjuni

▼M6

ANNESS VIII

Referenzi standard għan-nomenklatura li għandhom jintużaw skont l-Artikolu 5(4) sabiex jindikaw ismijiet xjentifiċi ta' speċijiet fil-permessi u ċ-ċertifikati

FAWNA

(a) ***MAMMALIA***

WILSON, D. E. & REEDER, D. M. (ed.) (2005): Mammal Species of the World. A Taxonomic and Geographic Reference. Third edition, Vol. 1-2, xxxv + 2142 pp. Baltimore (John Hopkins University Press). [għall-mammiferi kollha — bl-eċċezzjoni tal-għarfien tal-ismijiet li ġejjin għal forom selvaġġi tal-ispeċi (bi preferenza għall-ismijiet fil-forom domestiċi): *Bos gaurus, Bos mutus, Bubalus arnee, Equus africanus, Equus przewalskii, Ovis orientalis ophion*; u bl-eċċezzjoni tal-ispeċi msemmija hawn taħt]

BEASLY, I., ROBERTSON, K. M. & ARNOLD, P. W. (2005): Description of a new dolphin, the Australian Snubfin Dolphin, *Orcaella heinsohni* sp. n. (Cetacea, Delphinidae). — Marine Mammal Science, 21(3): 365-400. [għal *Orcaella heinsohni*]

BOUBLI, J. P., DA SILVA, M. N. F., AMADO, M. V., HRBEK, T., PONTUAL, F. B. & FARIAS, I. P. (2008): A taxonomic reassessment of *Cacajao melanocephalus* Humboldt (1811), with the description of two new species. — International Journal of Primatology, 29: 723-741. [għal *Cacajao ayresi, C. hosomi*]

BRANDON- JONES, D., EUDEY, A. A., GEISSMANN, T., GROVES, C. P., MELNICK, D. J., MORALES J. C., SHEKELLE, M. & STEWARD, C.-B. (2004): Asian primate classification. — International Journal of Primatology, 25: 97-163. [għal *Trachypithecus villosus*]

CABALLERO, S., TRUJILLO, F., VIANNA, J. A., BARRIOS-GARRIDO, H., MONTIEL, M. G., BELTRÁN-PEDREROS, S., MARMONTEL, M., SANTOS, M. C., ROSSI-SANTOS, M. R. & BAKER, C. S. (2007). Taxonomic status of the genus *Sotalia*: species level ranking for "tucuxi" (*Sotalia fluviatilis*) and "costero" (*Sotalia guianensis*) dolphins. Marine Mammal Science 23: 358-386 [għal *Sotalia fluviatilis* u *Sotalia guianensis*]

DAVENPORT, T. R. B., STANLEY, W. T., SARGIS, E. J., DE LUCA, D. W., MPUNGA, N. E., MACHAGA, S. J. & OLSON, L. E. (2006): A new genus of African monkey, *Rungwecebus*: Morphology, ecology, and molecular phylogenetics. — Science, 312: 1378-1381. [għal *Rungwecebus kipunji*]

DEFLER, T. R. & BUENO, M. L. (2007): Aotus diversity and the species problem. — Primate Conservation, 22: 55-70. [għal *Aotus jorgehernandezi*]

DEFLER, T. R., BUENO, M. L. & GARCÍA, J. (2010): *Callicebus caquetensis*: a new and Critically Endangered titi monkey from southern Caquetá, Colombia. — Primate Conservation, 25: 1-9. [għal *Callicebus caquetensis*]

FERRARI, S. F., SENA, L., SCHNEIDER, M. P. C. & JÚNIOR, J. S. S. (2010): Rondon's Marmoset, *Mico rondoni* sp. n., from southwestern Brazilian Amazonia. — International Journal of Primatology, 31: 693-714. [għal *Mico rondoni*]

GEISMANN, T., LWIN, N., AUNG, S. S., AUNG, T. N., AUNG, Z. M., HLA, T. H., GRINDLEY, M. & MOMBERG, F. (2011): A new species of snub-nosed monkey, genus *Rhinopithecus* Milne-Edwards, 1872 (Primates, Colobinae), from Northern Kachin State, Northeastern Myanmar. — Amer. J. Primatology,73: 96-107. [għal *Rhinopithecus strykeri*]

MERKER, S. & GROVES, C.P. (2006): Tarsius lariang: A new primate species from Western Central Sulawesi. — International Journal of Primatology, 27(2): 465-485. [għal *Tarsius lariang*]

OLIVEIRA, M. M. DE & LANGGUTH, A. (2006): Rediscovery of Marcgrave's Capuchin Monkey and designation of a neotype for Simia flava Schreber, 1774 (Primates, Cebidae). — Boletim do Museu Nacional do Rio de Janeiro, N.S., Zoologia, 523: 1-16. [għal *Cebus flavius*]

▼**M6**

RICE, D. W., (1998): Marine Mammals of the World: Systematics and Distribution, Society of Marine Mammalogy Special Publication Number 4, The Society for Marine Mammalogy, Lawrence, Kansas [għal *Physeter macrocephalus* u *Platanista gangetica*]

SHEKELLE, M., GROVES, C., MERKER, S. & SUPRIATNA, J. (2010): *Tarsius tumpara*: A new tarsier species from Siau Island, North Sulawesi. — Primate Conservation, 23: 55-64. [għal *Tarsius tumpara*]

SINHA, A., DATTA, A., MADHUSUDAN, M. D. & MISHRA, C. (2005): *Macaca munzala*: A new species from western Arunachal Pradesh, northeastern India. — International Journal of Primatology, 26(4): 977-989: doi:10.1007/s10764-005-5333-3. [għal *Macaca munzala*]

VAN NGOC THINH, MOOTNICK, A. R., VU NGOC THANH, NADLER, T. & ROOS, C. (2010): A new species of crested gibbon from the central Annamite mountain range. Vietnamese Journal of Primatology, 4: 1-12. [għal *Nomascus annamensis*]

WADA, S., OISHI, M. & YAMADA, T. K. (2003): A newly discovered species of living baleen whales. — Nature, 426: 278-281. [għal *Balaenoptera omurai*]

WALLACE, R. B., GÓMEZ, H., FELTON, A. & FELTON, A. (2006): On a new species of titi monkey, genus *Callicebus* Thomas (Primates, Pitheciidae), from western Bolivia with preliminary notes on distribution and abundance. — Primate Conservation, 20: 29-39. [għal *Callicebus aureipalatii*]

WILSON, D. E. & REEDER, D. M. (1993): Mammal Species of the World: a Taxonomic and Geographic Reference. Second edition. xviii + 1207 pp., Washington (Smithsonian Institution Press). [għal *Loxodonta africana, Puma concolor, Lama guanicoe* u *Ovis vignei*]

(b) ***AVES***

MORONY, J. J., BOCK, W. J. & FARRAND, J., Jr. (1975): Reference List of the Birds of the World. American Museum of Natural History. 207 pp. [għal ismijiet fuq livell ta' ordni u ta' familja għall-għasafar]

DICKINSON, E.C. (ed.) (2003): The Howard and Moore Complete Checklist of the Birds of the World. Revised and enlarged 3rd Edition. 1039 pp. London (Christopher Helm). [għall-ispeċijiet kollha tal-għasafar — minbarra l-unitajiet tassonomiċi msemmija hawn taħt u għal *Lophura imperialis*, li l-kampjuni tiegħu għandhom jiġu ttrattat bħala kampjuni ta'*L. edwardsi*]

DICKINSON, E.C. (2005): Corrigenda 4 (2.6.2005) to Howard & Moore Edition 3 (2003). http://www.naturalis.nl/sites/naturalis.en/contents/i000764/-corrigenda%204_final.pdf (disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' CITES) [flimkien ma' DICKINSON 2003 għall-ispeċi kollha tal-għasafar — għajr għall-unitajiet tassonomiċi msemmija hawn taħt]

ARNDT, T. (2008): Anmerkungen zu einigen Pyrrhura-Formen mit der Beschreibung einer neuen Art und zweier neuer Unterarten. — Papageien, 8: 278-286. [għal *Pyrrhura parvifrons*]

COLLAR, N. J. (1997) Family Psittacidae (Parrots). In DEL HOYO, J., ELLIOT, A. AND SARGATAL, J. (eds.), Handbook of the Birds of the World, 4 (Sandgrouse to Cuckoos): 280-477. Barcelona (Lynx Edicions). [għal *Psittacula intermedia* u *Trichoglossus haematodus*]

COLLAR, N. J. (2006): A partial revision of the Asian babblers (Timaliidae). — Forktail, 22: 85-112. [għal *Garrulax taewanus*]

CORTÉS-DIAGO, A., ORTEGA, L. A., MAZARIEGOS-HURTADO, L. & WELLER, A.-A. (2007): A new species of *Eriocnemis* (Trochilidae) from southwest Colombia. — Ornitologia Neotropical, 18: 161-170. [għal *Eriocnemis isabellae*]

▼**M6**

DA SILVA, J. M. C., COELHO, G. & GONZAGA, P. (2002): Discovered on the brink of extinction: a new species of pygmy owl (Strigidae: *Glaucidium*) from Atlantic forest of northeastern Brazil. — Ararajuba, 10(2): 123-130. [għal *Glaucidium mooreorum*]

GABAN-LIMA, R., RAPOSO, M. A. & HOFLING, E. (2002):Description of a new species of *Pionopsitta* (Aves: Psittacidae) endemic to Brazil. — Auk, 119: 815-819. [għal *Pionopsitta aurantiocephala*]

INDRAWAN, M. & SOMADIKARTA, S. (2004): A new hawk-owl from the Togian Islands, Gulf of Tomini, central Sulawesi, Indonesia. — Bulletin of the British Ornithologists' Club, 124: 160-171. [għal *Ninox burhani*]

